ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 181

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

10 ta' Lulju 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 649/2008 tat-8 ta' Lulju 2008 li jimponi dazju definittiv kontra l-iddampjar fuq importazzjonijiet ta' trab tal-karbon attivat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 650/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 651/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1653/2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità** ........ 15

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 652/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej** ........ 23

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn tat-30 ta' Ġunju u ta' l-4 ta' Lulju 2008 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali ........ 35



*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/560/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2008 li tabroga d-Deċiżjoni 2005/694/KE dwar l-eżistenza ta' deffiċit eċċessiv fl-Italja** ..... 39

2008/561/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2008 li tabroga d-Deċiżjoni 2005/730/KE dwar l-eżistenza ta' deffiċit eċċessiv fil-Portugall** ..... 41

2008/562/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2008 li tabroga d-Deċiżjoni 2005/182/KE dwar l-eżistenza ta' deffiċit eċċessiv fis-Slovakkja** ..... 43

2008/563/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2008 li tabroga d-Deċiżjoni 2005/185/KE dwar l-eżistenza ta' defeċit eċċessiv fir-Repubblika Ċeka** ..... 45

**Kummissjoni**

2008/564/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2008 li tippermetti lill-Istati Membri sabiex jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għas-sustanza attiva ġdida profoxydim** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3080)* [1] ..... 47

2008/565/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2008 li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tad-dokumenti mressqa għal eżami dettaljat fid-dawl ta' l-inklużjoni possibbli ta' *Paecilomyces fumosoroseus* strain Fe9901 u *Tricoderma atroviride* strain I-1237 fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3114)* [1] ..... 49

2008/566/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Lulju 2008 li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossiers li tressqu għal eżaminazzjoni dettaljata bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli tal-phosphane u t-thiencarbazone fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3216)* [1] ..... 52

2008/567/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Lulju 2008 li tikkonċerna l-kontribut finanzjarju mill-Komunità, għas-sena 2008, għal azzjonijiet ta' l-OIE fil-qasam tal-benesseri ta' l-annimali u tas-sorveljanza u l-kategorizzazzjoni tal-mard ta' l-annimali** ..... 55

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

2008/568/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata** ..... 57

**Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata** ..... 58

★ **Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata** ..... 62

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 649/2008

**tat-8 ta' Lulju 2008**

**li jimponi dazju definittiv kontra l-iddampjar fuq importazzjonijiet ta' trab tal-karbon attivat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ('ir-Regolament bażiku') u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

### 1.1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1006/96 [2], wara investigazzjoni kontra l-iddampjar, il-Kunsill impona dazju definittiv kontra l-iddampjar ta' 323 EUR għal kull tunnellata ta' importazzjonijiet ta' trab ta' karbon attivat li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) ('l-investigazzjoni oriġinali').

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1011/2002 [3], wara reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill ġedded l-impożizzjoni tad-dazju definittiv kontra l-iddampjar fuq trab tal-karbon attivat li joriġina fir-RPĊ ('l-ewwel investigazzjoni għar-reviżjoni ta' skadenza').

### 1.2. **It-talba għal reviżjoni (L-investigazzjoni preżenti)**

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' skadenza imminenti [4], fit-12 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) Din it-talba tressqet mill-Kunsill Ewroprew ta' l-Industrija tal-Kimiċi (CEFIC) ('l-applikant') f'isem żewġ produtturi li jirrappreżentaw parti kbira, f'dan il-każ aktar minn 50 %, tal-produzzjoni totali tal-Komunità ta' trab tal-karbon attivat. It-talba kienet ibbażata fuq il-fatt li l-iskadenza tal-miżuri aktarx tirriżulta fl-issuktar jew ir-rikorrenza ta' ddampjar u ħsara lill-industrija Komunitarja.

(5) Wara li ġie kkonsultat il-kumitat konsultattiv u ġie determinat li kien hemm biżżejjed evidenza għat-tnedija tar-reviżjoni ta' l-iskadenza, il-Kummissjoni nediet din ir-reviżjoni fit-13 ta' Ġunju 2007, b'avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ("l-avviż ta' tnedija") [5].

(1) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).
(2) ĠU L 134, 5.6.1996, p. 20.
(3) ĠU L 155, 14.6.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 931/2003 (ĠU L 133, 29.5.2003, p. 36).
(4) ĠU C 228, 22.9.2006, p. 3.
(5) ĠU C 131, 13.6.2007, p. 14.

### 1.3. **Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni**

(6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-esportaturi/produtturi, lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni, l-importaturi, il-fornituri, il-produtturi, l-utenti fil-Komunità u lill-applikant bit-tnedija tar-reviżjoni ta' l-iskadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ. Il-partijiet interessati kollha li talbu hekk u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smigħ.

(a) *Kampjun ta' esportaturi/produtturi fir-RPĊ*

(7) Fid-dawl ta' l-għadd kbir ta' esportaturi/produtturi fir-RPĊ li apparentement hemm (132 imniżżla fit-talba għar-reviżjoni), tqies xieraq li jiġi eżaminat jekk għandhomx jintużaw il-kampjuni fir-reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx bżonn ta' l-użu ta' kampjun u, jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-esportaturi/il-produtturi Komunitarji ntalbu, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, biex jippreżentaw lilhom infushom fi żmien 15-il jum mill-bidu tar-reviżjoni ta' l-iskadenza u biex jipprovdu lill-Kummissjoni t-tagħrif mitlub fl-avviż ta' tnedija. Madankollu, ebda esportatur/produttur ma wieġeb għall-mistoqsijiet jew ippreżentata lilu nnifsu b'xi mod ieħor b'rispons għall-avviż ta' tnedija u, għalhekk, l-użu ta' kampjun għall-esportaturi/produtturi ma kienx rilevanti.

(b) *Kampjun tal-produtturi Komunitarji*

(8) Fid-dawl ta' l-għadd kbir ta' importaturi fil-Komunità li apparentement hemm (33 imniżżla fit-talba għar-reviżjoni), tqies xieraq li jiġi eżaminat jekk għandhomx jintużaw il-kampjuni fir-reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx bżonn ta' l-użu ta' kampjuni u, jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi fil-Komunità ntalbu, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, biex jippreżentaw lilhom infushom fi żmien 15-il jum mill-bidu tar-reviżjoni ta' l-iskadenza u biex jipprovdu lill-Kummissjoni t-tagħrif mitlub fl-avviż ta' ftuħ.

(9) Madankollu, billi tlieta biss mit-33 importatur li ġew ikkuntattjati wieġbu għall-mistoqsijiet tal-kampjun u qablu li jikkooperaw, ġie deċiż li l-użu ta' kampjun ma kienx neċessarju f'dan il-każ.

### 1.4. **Kwestjonarji u verifiki**

(10) Il-kwestjonarji ntbagħtu lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-importaturi, il-fornituri, il-produtturi u l-utenti kollha magħrufa fil-Komunità u l-produtturi fil-pajjiż analagu, l-Istati Uniti ta' l-Amerika ('USA') (ara l-premessi (22) sa (24) hawn taħt).

(11) Waslu tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarju minn tliet fornituri tal-materja prima lill-industrija Komunitarja, tliet utenti, żewġ produtturi Komunitarji li appoġġaw it-talba għal reviżjoni, produttur ieħor li kien kontra l-proċedimenti u produttur wieħed fil-pajjiż analogu. Ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera.

(12) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li tqis neċessarju għall-analiżi tagħha, u wettqet żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Il-produtturi Komunitarji*

— Norit B.V., Amersfoort, l-Olanda, u Glasgow, ir-Renju Unit

— CECA S.A., Pariġi u Bordeaux, Franza

(b) *Produttur ieħor*

— Chemviron Carbon S.A., Feluy, il-Belġju

(ċ) *Fornituri Komunitarji*

— Klasmann & Deilmann GmbH, Geeste, Niedersachsen, il-Ġermanja

— Rheinbraun Brennstoff GmbH, Cologne, il-Ġermanja

— WTL International Ltd., Macclesfield, Cheshire, ir-Renju Unit

(d) *Produttur fil-pajjiż analogu*

— Norit Americas Inc., Marshall, Texas, USA

### 1.5. **Perjodu għall-investigazzjoni tar-reviżjoni**

(13) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' l-issuktar jew ir-rikorrenza ta' ddampjar jew ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2006 sal-31 ta' Marzu 2007 (il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni jew 'PIR').

(14) L-eżaminazzjoni tat-tendenzi rilevanti għall-verifika tal-probabbiltà ta' ssuktar jew rikorrenza tal-ħsara kopriet il-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2003 u jibqa' sejjer sa l-aħħar tal-PIR ('perjodu kkunsidrat').

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(15) Il-prodott li qed jiġi kkunsidrat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali u r-reviżjoni sussegwenti ta' l-iskadenza, jiġifieri trab tal-karbon attivat (PAC - *powdered activated carbon*) li bħalissa huwa klassifikabbli bil-kodiċi tan-NK ex 3802 10 00. Il-PAC huwa għamla mikroporuża tal-karbon, miksub minn varjetà ta' materja prima bħalma huma l-faħam, il-pit, l-injam, il-lignite, l-għadam taż-żebbuġ jew il-qxur tal-ġewż ta' l-indi, li tiġi attivata permezz tal-fwar jew proċessi kimiċi. Il-PAC huwa trab fin ħafna. Il-karbons attivati jinbiegħu wkoll f'għamla granulari (karbon attivat granulat jew 'GAC' – *granulated activated carbon*) li mhumiex koperti mill-miżuri fis-seħħ u lanqas minn din ir-reviżjoni.

(16) Kif ikkonfermat mir-reviżjoni preċedenti ta' l-iskadenza, id-definizzjoni tal-PAC tgħid illi mill-inqas 90 % tal-massa (% m/m) tiegħu tkun partikoli b'daqs ta' inqas minn 0.5 mm.

(17) L-applikazzjonijiet ġenerali tal-PAC huma t-trattament ta' l-ilma (l-ilma għax-xorb kif ukoll it-trattament ta' l-ilma skart), il-purifikazzjoni tal-gass u ta' l-arja, l-irkupru tas-solvent, it-tneħħija tal-kulur taz-zokkor, iż-żjut u x-xaħmijiet veġetali, it-tneħħija tar-riħa u l-purifikazzjoni ta' prodotti differenti fl-industriji kimiċi (jiġifieri l-aċidi organiċi), farmaċewtiċi (jiġifieri kapsuli gastrointestinali) jew ta' l-ikel (jiġifieri x-xorb alkoliku u minerali).

(18) L-investigazzjoni preżenti kkonfermat li l-PAC prodott u mibjugħ mill-produtturi Komunitarji u l-PAC impurtat mir-RPĊ kif ukoll il-PAC prodott u mibjugħ fil-pajjiż analogu (USA) għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u huma identiċi fl-aspetti kollha. Għalhekk, huma meqjusa li huma prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. IL-PROBABBILTÀ TA' L-ISSUKTAR U/JEW IR-RIKORRENZA TA' L-IDDAMPJAR

3.1. **Rimarki preliminari**

(19) Bi qbil ma' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-għan ta' reviżjoni ta' skadenza huwa biex jiġi stabbilit jekk l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għal issuktar jew rikorrenza ta' l-iddampjar.

(20) Fil-bidu, il-volumi esportati lill-Komunità matul il-PIR ġew eżaminati. Għandu jiġi nnotat li ladarba l-ebda produttur esportatur Ċiniż u l-ebda importatur fil-Komunità ma kkoopera fl-investigazzjoni preżenti, id-*data* dwar l-esportazzjonijiet ġiet stabbilita skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi ta' tagħrif disponibbli. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li ebda produttur esportatur Ċiniż jew importatur Komunitarju ma kien ikkoopera fl-ewwel investigazzjoni għar-reviżjoni ta' l-iskadenza. Madankollu, mindu twaqqaf id-dazju definittiv kontra l-iddampjar fl-1996, l-istatistika tal-Komunità saret disponibbli għal importazzjonijiet tal-PAC. Din l-istatistika ġiet ikkonfermata minn tagħrif ta' riċerka tas-suq ippreżentat mill-industrija Komunitarja. Fuq din il-bażi, u fl-assenza ta' tagħrif ieħor ta' min joqgħod fuqu aktar, din l-istatistika ntużat. Din uriet li matul il-PIR, madwar 529 tunnellata metrika ta' PAC ġew impurtati miċ-Ċina fil-Komunità. Din il-kwantità hija żgħira meta mqabbla mal-kwantità impurtata fil-Komunità qabel it-twaqqif tal-miżuri, iżda xorta waħda rrappreżentat iktar minn 1 % tal-konsum tal-PAC fil-Komunità matul il-PIR. Madankollu, sar kalkolu indikattiv ta' l-iddampjar.

3.2. **Possibilità ta' ssuktar ta' l-iddampjar**

(21) Fil-kuntest tal-possibilitá ta' l-issuktar ta' l-iddampjar, ġie investigat jekk l-iddampjar ta' l-esportazzjonijiet mir-RPĊ kienx qiegħed isir fil-waqt. Dan sar bil-ħsieb li, jekk kien qed iseħħ l-iddampjar f'dak il-waqt, dan kien ikun indikazzjoni importanti li l-iddampjar aktarx ikompli fil-futur, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(a) *Il-Pajjiż analogu*

(22) Minħabba li r-RPĊ hija ekonomija fi transizzjoni, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tagħrif miksub f'pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq magħżul bi qbil ma' l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku.

(23) L-Istati Uniti ntagħżel bħala l-pajjiż analogu xieraq fl-investigazzjoni oriġinali u fl-ewwel reviżjoni ta' l-iskadenza. Kif indikat fl-Avviż tat-Tnedija, il-Kummissjoni ħasbet li tuża wkoll l-Istati Uniti bħala l-pajjiż analogu xieraq fl-investigazzjoni preżenti. F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni żvelat li l-Istati Uniti kien il-pajjiż analogu l-aktar xieraq għar-raġunijiet li ġejjin:

L-Istati Uniti huwa wieħed mill-akbar pajjiżi produtturi tal-PAC fid-dinja. Ċifri sottomessi mill-produttur li kkoopera fl-Istati Uniti u l-produtturi tal-Komunità fit-talba ta' reviżjoni wrew li l-volum ta' produzzjoni taż-żewġ pajjiżi huwa paragunabbli. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (18), il-PAC prodott u mibjugħ fl-Istati Uniti nstab li huwa prodott simili għall-PAC prodott fir-RPĊ u esportat lejn il-Komunità. Il-bejgħ domestiku tal-produttur li kkoopera ta' l-Istati Uniti (f'termini ta' volum) kien rappreżentattiv meta pparagunat ma' l-importazzjonijiet tal-PAC mir-RPĊ fil-Komunità. Fl-aħħarnett, instab li l-livell ta' kompetizzjoni fl-Istati Uniti kien għoli ħafna. Tabilħaqq, minbarra l-kompetizzjoni fost bosta produtturi fl-Istati Uniti, kien hemm ukoll kompetizzjoni minn PAC impurtat (prinċipalment mir-RPĊ, is-Sri Lanka u l-Filippini), li seta' jiġi impurtat mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi jew dazji fuq l-importazzjoni. Barra minn hekk, il-produttur ewlieni tal-PAC fl-Istati Uniti kien lest jikkoopera.

(24) Meta jitqies dak li ssemma hawn fuq, u billi ma waslux kummenti dwar l-għażla tal-pajjiż analogu mill-partijiet interessati, l-Istati Uniti konsegwentement intgħażlu bħala l-pajjiż analogu l-aktar xieraq.

(b) *Il-valur normali*

(25) Bi qbil ma' l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, ġie analizzat jekk il-bejgħ domestiku rappreżentattiv tal-PAC fl-Istati Uniti, meta jitqies il-prezz mitlub, sarx waqt kummerċ ordinarju. F'dan ir-rigward, ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku sarx bi qligħ. Għal dan il-għan, l-ispiża sħiħa ta' produzzjoni għal kull grad matul il-PIR tqabblet mal-prezz medju tat-tranżazzjonijiet tal-bejgħ ta' kull grad li saru fl-istess perjodu. Instab li l-biċċa l-kbira tal-bejgħ sar bi qligħ. L-investigazzjoni żvelat ukoll li l-bejgħ kollu sar lil pajjiżi indipendenti. B'riżultat ta' dan, il-prezzijiet imħallsa jew dovuti għall-PAC minn klijenti indipendenti fis-suq domestiku ta' l-Istati Uniti waqt kummerċ ordinarju intużaw biex jiġi stabbilit il-valur normali skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

(ċ) *Il-prezz ta' l-esportazzjoni*

(26) Kif issemma hawn fuq, ebda produttur esportatur Ċiniż jew importatur tal-PAC fil-Komunità ma kkoopera f'din l-investigazzjoni tar-reviżjoni ta' l-iskadenza. Għalhekk, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi ta' fatti disponibbli bi qbil ma' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Kif issemma diġà fil-premessa (20) hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra affidabbli, dan sar b'referenza għall-prezz medju mill-istatistika dwar l-importazzjonijiet ta' l-Eurostat (TARIC) matul il-PIR.

(d) *Il-paragun*

(27) Bil-għan li jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, tqiesu d-differenzi fil-fatturi, li nstabu li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragun tal-prezzijiet, bi qbil ma' l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, saru aġġustamenti għad-differenzi fit-trasport tal-merkanzija bil-baħar, l-assigurazzjoni u t-trasport fuq l-art. Fin-nuqqas ta' informazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, l-aġġustamenti fil-prezz ta' l-esportazzjoni ġew ibbażati fuq il-fatti disponibbli, f'dan il-każ fuq informazzjoni relevanti mogħtija fit-talba għar-reviżjoni.

(e) *Il-marġni ta' ddampjar*

(28) It-tqabbil tal-valur normali medju ddifferenzjat mal-prezz medju ddifferenzjat ta' l-esportazzjoni tal-gradi kollha wera li l-esportazzjonijiet tal-PAC fil-Komunità kienu għadhom qed jiġu ddampjati b'marġni sostanzjali matul il-PIR. Il-marġni ta' ddampjar kien daqs l-ammont li bih il-valur normali qabeż il-prezzijiet għall-esportazzjonijiet fil-Komunità. Il-marġni ta' ddampjar medju ddifferenzjat qabeż l-20 %. Minkejja li dan il-marġni ta' ddampjar kellu jkun ibbażat, fil-biċċa l-kbira, fuq il-fatti disponibbli minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, huwa madankollu indikattiv ta' l-imġiba attwali taċ-Ċiniżi fl-esportazzjoni. Ovvjament, li kieku kien hemm kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, dan kien jippermetti kalkolu iktar preċiż.

### 3.3. L-iżvilupp ta' l-esportazzjonijiet lill-Komunità f'każ li l-miżuri jiskadu

(29) Ġie eżaminat ukoll kif l-esportazzjonijiet tal-PAC mir-RPĊ lill-Komunità jiżviluppaw jekk jiskadu l-miżuri. Għal dak il-għan, ġew eżaminati l-kapaċità ta' produzzjoni żejda fir-RPĊ, il-volum ta' l-esportazzjoni u s-suq domestiku fir-RPĊ kif ukoll l-imġiba tal-prezz Ċiniż fir-rigward ta' pajjiżi terzi oħra. Fl-assenza ta' kooperazzjoni minn produtturi esportaturi, intuża tagħrif ta' riċerka tas-suq ippreżentat mill-industrija tal-Komunità.

(f) *Il-kapaċità ta' produzzjoni, is-suq domestiku fiċ-Ċina u l-volum ta' esportazzjoni*

(30) It-tagħrif li kellha l-Kummissjoni wera li r-RPĊ, b'madwar 300 manifattur, hija l-akbar produttur u esporatur tal-karbon attivat (granulari u fi trab) fid-dinja. Matul il-PIR, il-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża tal-PAC kienet stmata għal madwar 190 000 tunnellata, li minnhom madwar 70 000 tunnellata nbiegħu fis-suq domestiku u madwar 60 000 tunnellata ġew esportati. Għalhekk, kienet disponibbli kapaċità żejda ta' madwar 60 000 tunnellata. Wieħed għandu jinnota li din il-kapaċità żejda tisboq il-konsum tal-Komunità fil-PIR.

(31) Is-swieq ewlenija għall-esportazzjoni tal-PAC Ċiniż kienu x-Xlokk ta' l-Ażja, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Ewropa. Madankollu, skond l-evidenza li tressqet mill-industrija tal-Komunità, il-bżonn addizzjonali għal PAC impurtat f'pajjiżi terzi huwa minimu u l-kapaċità li jiġu assorbiti aktar esportazzjonijiet Ċiniżi għalhekk tkun kważi negliġibbli. Barra minn hekk, wieħed għandu jinnota li għadd ta' swieq potenzjali għall-esportazzjoni fir-reġjun ta' l-Ażja, bħall-Indja u l-Indoneżja, japplikaw tariffi tad-dwana għoljin fuq il-PAC.

(32) Fuq il-bażi tad-*data* disponibbli, huwa stmat li l-rata annwali ta' tkabbir tal-konsum domestiku, il-produzzjoni u l-kapaċità ta' produzzjoni tal-PAC fir-RPĊ se tkun ta' madwar 5 %. Meta wieħed iqis li l-Istati Uniti imponew miżuri kontra l-iddampjar fuq PAC Ċiniż attivat bl-istim f'April 2007 (jiġifieri wara l-PI), l-esportazzjonijiet jistgħu saħansitra jonqsu. Għalhekk, il-kapaċitajiet żejda ċertament mhux se jonqsu iżda aktarx saħansitra se jiżdiedu fil-ġejjieni.

(33) Barra minn hekk, skond l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, l-industrija Ċiniża tal-karbon attivat bħalissa qed taffaċċja problemi finanzjarji, partikolarment minħabba li l-utilizzazzjoni baxxa tal-kapaċità qed twassal għal żieda fl-ispejjeż. Dan iżid ukoll il-pressjoni biex issir esportazzjoni bi prezzijiet iddampjati sabiex ikun hemm aktar ekonomiji ta' l-iskala.

(34) F'dawn iċ-ċirkostanzi, li kieku kellhom jitneħħew il-miżuri u l-Komunità ssir suq attraenti għall-esportazzjoni, aktarx li l-produtturi Ċiniżi jżidu l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tagħhom sabiex jesportaw volumi sinifikanti u, għalhekk, inaqqsu l-ispejjeż tagħhom u jtejbu s-sitwazzjoni finanzjarja.

(ġ) *L-imġiba tal-prezzijiet fi swieq ta' pajjiżi terzi*

(35) Analiżi tal-prezzijiet ta' esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi oħra, bħall-Istati Uniti, żvelat li l-esportazzjonijiet tal-PAC saru wkoll bi prezzijiet baxxi ħafna u wkoll iddampjati b'rati sinifikanti ħafna (ogħla mill-marġni ta' ddampjar stabbilit fl-investigazzjoni preżenti għar-reviżjoni ta' l-iskadenza, ara l-premessa (28) hawn fuq). Huwa ovvju li hemm prassi ta' ddampjar fl-esportazzjonijiet Ċiniżi ta' dan il-prodott.

(36) Konsegwentement, jekk jitneħħa d-dazju kontra l-iddampjar, is-suq Komunitarju aktarx jattira kwantitajiet kbar ta' PAC Ċiniż bi prezzijiet baxxi ddampjati. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jinnota wkoll li l-importazzjonijiet Ċiniżi baqgħu preżenti, għalkemm fi kwantitajiet iżgħar, fis-suq Komunitarju mindu ġew imposti l-miżuri kontra l-iddampjar fl-1996, u dan jiffaċilita ż-żieda fl-importazzjonijiet jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

### 3.4. Konklużjoni fuq il-possibbiltà li l-iddampjar jissokta

(37) L-importazzjonijiet tal-PAC Ċiniż matul il-PIR saru f'livelli ogħla mil-livelli *de minimis* u xorta ġew iddampjati. Ġie stabbilit li l-iddampjar baqa' sejjer u li hemm possibbiltà qawwija li jissokta jekk dawn il-miżuri jitħallew jiskadu. Barra minn hekk, f'każ bħal dan aktarx li l-esportazzjonijiet tal-PAC Ċiniż fil-Komunità jiżdiedu sostanzjalment (u jmorru lura għallinqas għal-livelli li nstabu fl-investigazzjoni oriġinali) billi hemm kapaċitajiet żejda sinifikanti disponibbli fir-RPĊ. Il-prezzijiet ta' dawn il-kwantitajiet addizzjonali ta' importazzjonijiet aktarx li jiġu ddampjati kollha f'livelli sinifikanti.

## 4. ID-DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(38) L-investigazzjoni wriet li l-PAC bħalissa qed jiġi prodott minn għadd limitat ta' produtturi fil-Komunità. Iż-żewġ produtturi applikanti u żewġ produtturi oħra, li ma kkooperawx fl-investigazzjoni, isegwu l-proċess tradizzjonali fejn il-materja prima neċessarja titħallat biex jinkiseb PAC bi proċessi ta' attivazzjoni.

(39) Instab ukoll li ċerti produtturi oħra fil-Komunità jipproduċu PAC billi jitħnu GAC impurtat mir-RPĊ. Fuq il-bażi ta' estimi miksuba mill-industrija Komunitarja, mill-GAC li qed jiġi impurtat mir-RPĊ, madwar 10 000 tunnellata qed jiġu mitħuna f'PAC fil-Komunità. Tabilħaqq, produttur ieħor li kkoopera mal-Kummissjoni matul l-investigazzjoni mmanifattura l-PAC b'dan il-mod. Madankollu, kif kien il-każ fl-ewwel investigazzjoni ta' reviżjoni, dawn il-kwantitajiet ma ġewx inklużi fil-kalkolu tal-produzzjoni totali Komunitarja u fil-konsum Komunitarju.

(40) Iż-żewġ produtturi Komunitarji, li f'isimhom tressqet it-talba għar-reviżjoni, kkoperaw fl-investigazzjoni. Dawn irrappreżentaw aktar minn 80 % tal-produzzjoni tal-Komunità tal-PAC u għalhekk jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku.

(41) Billi l-industrija Komunitarja tikkonsisti minn żewġ produtturi Komunitarji, l-informazzjoni dwar l-industrija Komunitarja kellha tiġi indiċjata kull fejn xieraq biex titħares il-kunfidenzjalità ta' *data* sensittiva.

## 5. IL-QAGĦDA TAS-SUQ TAL-KOMUNITÁ

### 5.1. Il-konsum fis-suq tal-Komunità

(42) Il-konsum Komunitarju (UE-27) ġie stabbilit fuq il-bażi ta':

— Bejgħ fis-suq Komunitarju miż-żewġ produtturi Komunitarji li kooperaw

— Bejgħ fis-suq Komunitarju mill-produtturi Komunitarji tal-PAC li ma kooperawx (kif stmat mill-applikant)

— Statistika dwar l-importazzjonijiet miksuba mill-Eurostat.

(43) Kif issemma diġà fil-premessa (39), hemm ċerti kwantitajiet ta' PAC li qed jiġu mmanifatturati billi jiġi mitħun il-GAC impurtat mir-RPĊ, li ma ġewx inklużi fil-kalkolu tal-konsum Komunitarju.

(44) Fuq il-bażi ta' dan hawn fuq, il-konsum Komunitarju ta' PAC żdied b'7 % fil-perjodu meqjus. Żieda bejn l-2003 u l-2005 ta' 10 % ġiet segwita bi tnaqqis żgħir fl-2006; wara dan, il-konsum baqa' stabbli matul il-PIR.

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Konsum (tunnellati) | 38 163 | 39 499 | 41 983 | 40 697 | 40 783 |
| Indiċi (2003 = 100) | 100 | 104 | 110 | 107 | 107 |

5.2. **Importazzjonijiet attwali mir-RPĊ**

(a) *Volum u sehem mis-suq*

(45) Abbażi ta' l-informazzjoni mill-Eurostat, l-iżvilupp tal-volumi u s-sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet tal-PAC mir-RPĊ jinsab fit-tabella hawn taħt. Il-volum ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied fil-perjodu meqjus b'55 %, iżda s-sehem mis-suq tagħhom baqa' kumplessivament taħt it-2 %.

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 341 | 662 | 600 | 515 | 529 |
| Indiċi (2003 = 100) | 100 | 194 | 176 | 151 | 155 |
| Is-sehem mis-suq | 0,9 % | 1,7 % | 1,4 % | 1,3 % | 1,3 % |

(b) *Imġiba tal-prezz ta' l-importazzjonijiet*

(46) Il-prezzijiet medji ta' l-importazzjoni tal-PAC li oriġina mir-RPĊ, kif miksuba mill-Eurostat u bl-addizzjoni ta' l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u d-dazji doganali u ta' kontra l-iddampjar, urew żieda pjuttost moderata ta' 8 % fil-perjodu meqjus kif jidher fit-tabella li ġejja.

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Prezz (EUR/tunnellata) | 1 169 | 1 104 | 1 187 | 1 217 | 1 267 |
| Indiċi (2003 = 100) | 100 | 94 | 102 | 104 | 108 |

(47) Fin-nuqqas ta' *data* dettaljata tal-bejgħ mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni kellha tqabbel il-prezzijiet aġġustati ta' l-importazzjoni miksuba mill-Eurostat mal-prezzijiet medji tal-bejgħ ex works ta' l-industrija Komunitarja kumplessivament, jiġifieri mingħajr distinzjoni bejn il-gradi differenti tal-PAC. Dan it-tqabbil wera li l-prezzijiet Ċiniżi ta' l-esportazzjoni fil-PIR kienu bejn 25 % u 30 % inqas mill-prezzijiet mitluba mill-industrija Komunitarja fl-istess perjodu.

5.3. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra**

(48) L-importazzjonijiet ta' PAC minn pajjiżi oħra mhux ir-RPĊ żdiedu sewwa fil-perjodu meqjus minn madwar 7 300 tunnellata fl-2003 għal 10 000 tunnellata fil-PIR, u dan jirrappreżenta ishma mis-suq ta' madwar 19 % u 25 % rispettivament. Il-pajjiżi esportaturi ewlenin kienu l-Malażja, l-Indoneżja, il-Filippini u l-Istati Uniti.

(49) Filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti naqsu bin-nofs, l-importazzjonijiet mill-Malażja, l-Indoneżja, u l-Filippini żdiedu minn 2 800 tunnellata fl-2003 għal 6 200 tunnellata fil-PIR, u dan jirrappreżenta sehem kombinat mis-suq tal-Komunità ta' 15 % fil-PIR. L-investigazzjoni wriet li wħud mill-importazzjonijiet minn dawn it-tliet pajjiżi jikkonsistu f'PAC magħmul minn qxur tal-ġewż ta' l-indi, li l-produtturi Komunitarji ma jistgħux jipproduċu huma nfushom minħabba n-nuqqas ta' disponibilità tal-materja prima kkonċernata,. Għalhekk, partijiet minn dawn l-importazzjonijiet rriżultaw mill-industrija Komunitarja nnifisha sabiex iżidu mal-firxa tagħhom ta' PAC li joffru lill-utenti Komunitarji.

(50) Fir-rigward tal-prezzijiet, il-prezzijiet medji ta' l-importazzjonijiet mill-Malażja, l-Indoneżja u l-Filippini kienu inqas minn dawk ta' l-industrija Komunitarja. Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Malażja u l-Indoneżja kienu fl-istess firxa bħall-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ta' PAC mir-RPĊ, filwaqt li l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Filippini żdiedu sostanzjalment fil-perjodu meqjus (37 %) u kienu 20 % iktar mill-prezzijiet Ċiniżi ta' importazzjoni fil-PIR.

(51) Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti nstabu li huma ogħla sewwa minn dawk ta' l-industrija Komunitarja. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet huma gradi speċjalizzati ta' PAC li jiksbu prezzijiet għoljin fis-suq Komunitarju.

(52) Fil-qosor, l-investigazzjoni wriet li xi importazzjonijiet ta' PAC minn pajjiżi terzi huma komplemetari għall-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja. Xi importazzjonijiet oħra saru bi prezzijiet li fil-biċċa l-kbira kienu ogħla mill-prezz medju mitlub mill-industrija Komunitarja. Kien hemm ukoll importazzjonijiet oħra li saru bi prezzijiet relattivament baxxi li jista' jkollhom ċertu effett fuq is-suq Komunitarju. Madankollu, fuq il-bażi tax-xejriet li ġew osservati fil-perjodu meqjus, jidher li aktarx din is-sitwazzjoni ma għandhiex tespandi.

### 5.4. **Qagħda ekonomika ta' l-industrija Komunitarja**

(a) *Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni installata u rata ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità*

(53) Il-kapaċità għall-produzzjoni tal-PAC tista' tvarja skond it-taħlita ta' komposti attivati ftit (inqas ħin fil-forn) u attivati ħafna (ħin itwal fil-forn). Għalhekk, il-kapaċità li tidher fit-tabella hawn taht ġiet stabbilita fuq il-bażi ta' taħlita ta' PAC attivat ftit u PAC attivat ħafna li fil-fatt jiġi prodott.

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni (tunnellati) | 100 | 105 | 95 | 100 | 100 |
| Kapaċità ta' produzzjoni installata (tunnellati) | 100 | 90 | 85 | 86 | 86 |
| Rata ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità | 100 | 118 | 112 | 118 | 116 |

(54) Il-produzzjoni tal-PAC mill-industrija tal-Komunità kienet stabbli fil-perjodu meqjus, b'xi varjazzjonijiet fl-2004 u l-2005.

(55) Il-kapaċità installata naqset bejn l-2003 u l-2005. Dan it-tnaqqis kien konsegwenza tal-leġiżlazzjoni ambjentali introdotta fl-2003 mill-awtoritajiet lokali fi Stat Membru wieħed fejn jinsab impjant industrijali tal-Komunità. B'riżultat ta' dan, il-produttur Komunitarju kkonċernat kellu jwaqqaf it-tħaddim ta' wieħed mill-impjanti ta' attivazzjoni tiegħu minħabba dawn ir-rekwiżiti ambjentali.

(56) B'konsegwenza diretta tat-tnaqqis fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni disponibbli, ir-rata ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tnaqqset ukoll b'rata korrispondenti.

(b) *Il-volumi tal-bejgħ, is-sehem mis-suq tal-konsum Komunitarju, il-prezz medju tal-bejgħ u t-tkabbir*

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-volumi tal-bejgħ | 100 | 96 | 94 | 96 | 96 |
| Is-sehem mis-suq | 100 | 93 | 87 | 91 | 91 |
| Il-prezzijiet medji tal-bejgħ | 100 | 99 | 98 | 99 | 99 |
| Tkabbir | 100 | 96 | 92 | 95 | 96 |

(57) Il-volumi tal-bejgħ kienu 4 % inqas fil-PIR meta mqabbel mal-bidu tal-perjodu meqjus. Billi l-konsum tal-Komunità naqas b'7 % fil-perjodu meqjus (ara l-premessa (44) hawn fuq), is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja naqas b'9 % fil-perjodu meqjus. Minkejja dan it-tnaqqis fis-sehem mis-suq, is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja nżamm f'livell ogħla minn 50 % fil-perjodu meqjus.

(58) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq tal-Komunità baqgħu pjuttost stabbli fil-perjodu meqjus. Il-prezzijiet stabbli tal-bejgħ fil-preżenza ta' volumi inqas tal-bejgħ wasslu għal tkabbir negattiv ta' 4 % fil-perjodu meqjus, u dan irrifletta t-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ bl-istess punti perċentwali.

(ċ) *Ħażniet*

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Ħażniet | 100 | 138 | 115 | 97 | 85 |

(59) Minħabba l-interruzzjoni ta' waħda mil-linji ta' produzzjoni tagħha fl-2004 (ara l-premessa (55) hawn fuq) u sabiex tkun tista' taqdi lill-klijenti tagħha, l-industrija tal-Komunità kellha żżid temporanjament il-ħażniet tagħha. Madankollu, matul is-snin ta' wara, il-livell tal-ħażniet reġa' laħaq il-livelli inizjali, b'madwar 10 %–20 % tal-volumi ta' produzzjoni.

(d) *Profitt, ir-redditu mill-investimenti u l-likwidità*

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Profittabilità tal-bejgħ Komunitarju | 100 | 383 | 337 | 200 | 226 |
| Ir-redditu mill-investimenti | 100 | 1 051 | 692 | 215 | 348 |
| Likwidità (f'% ta' Bejgħ Komunitarju) | 100 | 143 | 119 | 100 | 128 |

(60) Dawn it-tliet indikaturi segwew xejra simili (minkejja li sa punti differenti) fil-perjodu meqjus, jiġifieri żieda qawwija bejn l-2003 u l-2004 segwita bi tnaqqis gradwali sa tmiem il-PIR.

(61) L-evoluzzjoni tal-profittabilità, ir-redditu mill-investiment u l-likwidità bejn l-2003 u l-2004 għandha titqies fid-dawl tal-fatt li, fl-2003, ir-rendiment finanzjarju ta' l-industrija tal-Komunità kien pjuttost batut, u l-profittabilità tal-bejgħ kien ftit ogħla mil-livell fejn id-dħul jibbilanċja l-infiq. Ir-rendiment baxx ta' l-industrija tal-Komunità fl-2003 kien riżultat tad-diffikultajiet li ffaċċja wieħed mill-produtturi Komunitarji f'dik is-sena.

(62) It-tnaqqis fil-profitt bejn l-2005 u l-2006 kien parzjalment minħabba l-ispejjeż li l-industrija Komunitarja ġarrbet biex tissodisfa ċerti rekwiżiti ambjentali (ara l-premessa (55) hawn fuq).

(63) Il-produttur tal-PAC l-ieħor li kkoopera, li jitħan GAC impurtat f'PAC (ara l-premessa (39) hawn fuq), allega li l-industrija Komunitarja, minħabba li żiedet il-livelli tal-profitti tagħha fuq il-PAC bejn l-2003 u l-2006 kif muri fl-ilment, setgħet issostni l-bejgħ tagħha ta' GAC. Fi kliem ieħor, allega li mindu l-PAC ġie protett, l-industrija Komunitarja setgħet titlob prezzijiet ogħla għal PAC u, minħabba f'hekk, allegatament titlob inqas għall-bejgħ tagħha ta' GAC. Għal din ir-raġuni, din il-parti ma taqbilx ma' l-issuktar tal-miżuri.

(64) Fir-rigward ta' l-allegat sosteniment konġunt tal-GAC u l-PAC prodotti mill-industrija Komunitarja, wieħed jinnota li dan huwa parzjalment barra mill-ambitu ta' din ir-reviżjoni billi l-profittabilità tal-bejgħ tal-GAC ma ġietx analizzata fil-qafas ta' din l-investigazzjoni. Fir-rigward tal-livelli ta' profitt, huwa nnutat li filwaqt li l-industrija Komunitarja kellha żieda qawwija fil-profittabililtà bejn l-2003 u l-2004, dan l-iżvilupp kien segwit minn perjodu ta' tnaqqis fl-2006 u fil-PIR. Kif imsemmi fil-premessa (61) hawn fuq, iż-żieda qawwija bejn l-2003 u l-2004 għandha titqies fir-rigward tar-rendiment finanzjarju batut ta' l-industrija Komunitarja fl-2003 milli fir-rigward tar-rendiment finanzjarju tajjeb fl-2004. Barra minn hekk, fil-perjodu meqjus, il-profittabilità ta' l-industrija Komunitarja qatt ma kienet iktar minn 5.5 % fir-rigward tal-bejgħ tagħha tal-PAC fis-suq tal-Komunità. Għalhekk, il-possibilità allegata li ż-żieda fil-profittabilità fil-perjodu meqjus kienet f'livelli li kienu jippermettu lill-industrija Komunitarja tissussidja l-bejgħ tagħha ta' prodotti oħra kellha tiġi mwarrba, billi l-profittabilità tal-bejgħ ta' PAC f'dan il-perjodu kienet baxxa wisq biex tissostanzja l-allegazzjonijiet ta' sosteniment konġunt.

(e) *Impjiegi, pagi u produttività*

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' impjegati | 100 | 97 | 88 | 90 | 90 |
| Pagi/impjegat | 100 | 100 | 99 | 100 | 97 |
| Produttività (tunnellati/impjegat) | 100 | 108 | 108 | 111 | 111 |

(65) Kif jidher fit-tabella hawn fuq, l-industrija Komunitarja naqqset l-għadd ta' impjegati fil-perjodu meqjus b'madwar 10 %. Billi l-produzzjoni effettiva baqgħet stabbli fl-istess perjodu (ara l-premessa (54) hawn fuq), iż-żieda fil-produttività tirrifletti dawn iż-żewġ żviluppi.

(66) Barra minn hekk, il-pagi kienu pjuttost stabbli matul il-perjodu meqjus.

(f) *Investimenti*

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Ivestimenti (EUR) | 100 | 70 | 71 | 135 | 135 |

(67) It-tabella t'hawn fuq turi li matul l-2006 u l-PIR, l-industrija Komunitarja għamlet investimenti sinifikanti. Għal raġunijiet spjegati fil-premessa (55), dawn l-investimenti kienu b'riżultat ta' rekwiżiti ambjentali.

(ġ) *Kapaċità għall-ħolqien ta' kapital*

(68) L-industrija Komunitarja ma rrapurtat ebda diffikultà fil-ħolqien ta' kapital fil-perjodu meqjus.

(h) *L-ammont ta' ddampjar*

(69) Kif jidher hawn fuq, il-fatti disponibbli juru li l-marġni ta' l-iddampjar jista' jitqies bħala sinifikanti.

(i) *L-irkupru minn iddampjar fl-imgħoddi*

(70) Kif diġà konkluż fir-reviżjoni preċedenti dwar l-iskadenza, minħabba l-miżuri kontra l-iddampjar li hemm fis-seħħ, l-industrija Komunitarja sa ċertu punt setgħet tirkupra minn iddampjar li seħħ fil-passat, iżda għadha f'qagħda vulnerabbli.

5.5. **Attività ta’ esportazzjoni ta’ l-industrija tal-Komunità**

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum ta’ bejgħ (tunnellati) għall-esportazzjoni | 100 | 108 | 114 | 122 | 121 |
| Il-prezzijiet medji tal-bejgħ (esportazzjoni) | 100 | 94 | 96 | 99 | 101 |

(71) Il-volumi tal-bejgħ għall-esportazzjonijiet żdiedu matul il-perjodu meqjus, b’madwar 21 % bejn l-2003 u l-PIR.

(72) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-bejgħ ta’ l-esportazzjonijiet baqgħu stabbli meta jitqabblu l-prezzijiet tal-bejgħ ta’ l-esportazzjonijiet fl-2003 ma’ dawk fil-PIR. Filwaqt li l-prezzijiet waqgħu xi ftit fl-2004, l-industrija Komunitarja setgħet iżżid il-prezzijiet tagħha mill-2005.

5.6. **Konklużjoni dwar il-qagħda fis-suq tal-Komunità**

(73) Bejn l-2003 u l-PIR, l-indikaturi li ġejjin fir-rigward ta’ l-industrija Komunitarja żviluppaw b’mod pożittiv: profittabilità, redditu mill-investimenti, likwidità u utilizzazzjoni tal-kapaċità u ħażniet finali. Il-prezzijiet unitarji tal-bejgħ u l-produzzjoni baqgħu prattikament stabbli. Barra minn hekk, il-produttività żdiedet u l-industrija Komunitarja setgħet tinvesti sabiex tissodisfa ċerti rekwiżiti ambjentali.

(74) Bil-maqlub ta’ dan, l-indikaturi li ġejjin żviluppaw b’mod negattiv: il-volumi tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u l-impjiegi. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-produzzjoni naqset minħabba r-rekwiżiti ambjentali msemmija qabel.

(75) Kollox ma’ kollox, minkejja li s-sitwazzjoni hija mħallta, l-iżviluppi pożittivi jidhru li huma iktar mill-iżviluppi negattivi. Barra minn hekk, meta wieħed iqabbel ix-xejriet ta’ hawn fuq ma’ dawk li nstabu fl-investigazzjoni oriġinali, jidher ċar li l-miżuri fis-seħħ kontra l-iddampjar kellhom impatt pożittiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta’ l-industrija Komunitarja. Madankollu, għandu jkun enfasizzat li anke indikaturi li juru żviluppi pożittivi, bħal, b’mod partikolari, il-profittabilità u r-redditu mill-investiment, għadhom xorta ‘l boghod milli jilħqu l-livelli li jistgħu jkunu mistennija li kieku l-industrija Komunitarja rkuprat għal kollox mill-iddampjar dannuż tal-passat.

(76) Għalhekk ġie konkluż li, għalkemm is-sitwazzjoni ta’ l-industrija Komunitarja tjiebet, meta mqabbla mal-perjodu ta’ qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, l-industrija Komunitarja għadha fraġli.

6. PROBABBILTÀ TA’ SSUKTAR JEW TA’ RIKORRENZA TAL-ĦSARA

(77) L-investigazzjoni wriet li l-kapaċitajiet żejda fir-RPĊ huma sostanzjali, u jisbqu l-konsum Komunitarju fil-PIR. Barra minn hekk, minħabba l-impożizzjoni mill-Istati Uniti ta’ miżuri kontra l-iddampjar għal importazzjonijiet ta’ PAC (attivat bl-istim) li joriġinaw fir-RPĊ, hemm riskju imminenti li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-volumi li qabel kienu jiġu esportati lejn l-Istati Uniti jintbagħtu naħa oħra. Hemm riskju saħansitra ikbar billi l-prezzijiet li bihom il-PAC ġie impurtat lejn l-Istati Uniti kienu terġa’ orħos minn dawk li bihom kien jiġi impurtat fis-suq tal-Komunità.

(78) Barra minn hekk, il-prezzijiet li bihom qed jiġi impurtat il-PAC bħalissa ġew stabbiliti biex jiġu ddampjati u huma inqas sewwa mill-prezzijiet medji tal-bejgħ (u l-ispejjeż) ta’ l-industrija Komunitarja.

(79) Għalhekk, l-effett ikkombinat ta’ fatturi bħal:

— il-kapaċitajiet żejda sinifikanti li jinsabu fir-RPĊ,

— ir-riskju imminenti li l-kummerċ jiġi ddevjat minħabba l-impożizzjoni ta’ miżuri mill-Istati Uniti, u

— il-livell baxx prevalenti tal-prezzijiet li bihom il-PAC li joriġina fir-RPĊ qed jiġi impurtat fil-Komunità kif ukoll fl-Istati Uniti

kollha jissuġġerixxu riskju serju ta’ rikorrenza tal-ħsara jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(80) Kif muri hawn fuq, għalkemm is-sitwazzjoni ta’ l-industrija Komunitarja tjiebet, meta mqabbla ma’ dik prevalenti qabel l-impożizzjoni tal-miżuri kontra l-iddampjar, xorta għadha fraġli. Aktarx li jekk l-industrija Komunitarja tiġi esposta għal volumi ikbar ta’ importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezzijiet iddampjati, dan jirriżulta f’deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha kif instab fl-investigazzjoni oriġinali. Abbażi ta’ dan, il-konklużjoni għalhekk hija li t-tneħħija tal-miżuri aktarx tirriżulta fir-rikorrenza tal-ħsara lill-industrija Komunitarja.

7. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

7.1. **Rimarki preliminari**

(81) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-issuktar tal-miżuri eżistenti kontra l-iddampjar imurx kontra l-interess tal-Komunità b’mod ġenerali. Id-determinazzjoni ta’ l-interess Komunitarju ssejset fuq stima ta’ l-interessi differenti kollha involuti. Din l-investigazzjoni tanalizza sitwazzjoni fejn il-miżuri kontra l-iddampjar kienu diġà fis-seħħ u tippermetti għal evalwazzjoni ta’ kwalunkwe impatt negattiv fuq il-partijiet ikkonċernati minħabba l-miżuri attwali kontra l-iddampjar.

(82) Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta’ ssuktar jew rikorrenza ta’ ddampjar dannuż, kienx hemm raġunijiet b’saħħithom li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Komunità li jinżammu l-miżuri f’dan il-każ partikolari.

(83) Għal din ir-raġuni, minbarra lit-tliet produtturi msemmija fil-premessa (11), intbagħtu kwestjonarji lil produtturi oħra (inklużi dawk il-produtturi li qed jitħnu GAC impurtat f’PAC), erba’ fornituri Komunitarji, it-tliet importaturi Komunitarji li qablu li jikkooperaw (ara l-premessa (9) hawn fuq) u 37 utent imsemmija fl-applikazzjoni u/jew li taf bihom il-Kummissjoni.

7.2. **Interess ta’ l-industrija Komunitarja**

(84) Wieħed jista’ raġonevolment jistenna li l-industrija Komunitarja tkompli tibbenefika mill-miżuri imposti attwalment u tkompli tirkupra billi tirkupra s-sehem mis-suq u ttejjeb il-profittabilità. Jekk il-miżuri ma jinżammux, x’aktarx l-industrija Komunitarja terġa’ tibda ssofri ħsarat minn żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet iddampjati mill-pajjiż ikkonċernat u s-sitwazzjoni finanzjarja fraġli tagħha bħalissa tkompli teħżien.

(85) Fuq din il-bażi, meta wieħed iqis li l-industrija Komunitarja tirrappreżenta iktar mill-maġġoranza tal-produzzjoni Komunitarja u li ż-żewġ produtturi Komunitarji li jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja t-tnejn esprimew appoġġ għall-issuktar tal-miżuri, jista’ jiġi konkluż li l-issuktar tal-miżuri ikun fl-interess ta’ l-industrija Komunitarja.

7.3. **L-interess ta’ fornituri Komunitarji**

(86) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju minn tliet fornituri Komunitarji tal-materja prima (lignite, pit u serratura) lill-industrija Komunitarja. It-tlieta li huma appoġġaw l-issuktar tal-miżuri u stqarru li parti sinifikanti mill-bejgħ tagħhom tkun fir-riskju jekk il-miżuri jithallew jiskadu, u b’hekk l-istabbilità finanzjarja tagħhom titqiegħed fil-periklu.

(87) Ġie għalhekk konkluż li l-issuktar tal-miżuri ikun fl-interess tal-fornituri Komunitarji ta’ l-industrija tal-Komunità.

7.4. **L-interess ta’ l-importaturi Komunitarji**

(88) Kif imsemmi fil-premessa (8), il-Kummissjoni kkuntattjat 33 importatur li kienu elenkati fit-talba għal din ir-reviżjoni. Tliet importaturi biss qablu li jikkooperaw f’din l-investigazzjoni. Madankollu, l-ebda wieħed mit-tliet importaturi ma wieġeb għall-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni.

(89) Għalhekk, in-nuqqas ta’ interess li jikkooperaw ma’ l-investigazzjoni jista’ tabilħaqq jitqies bħala indikazzjoni li l-attivitajiet ta’ importazzjoni ta’ kull importatur tal-PAC mhux se jintlaqtu serjament mill-issuktar tal-miżuri.

7.5. **L-interess ta’ l-utenti Komunitarji**

(90) Kif imsemmi fil-premessa (83) hawn fuq, 37 utent ġew ikkuntattjati u ħafna minnhom kienu klijenti ta’ l-industrija Komunitarja. Fl-aħħar, waslu biss tliet tweġibiet għall-kwestjonarju.

(91) L-ebda wieħed minn dawn it-tliet utenti ma aċċetta li ssir verifika fuq il-post tat-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju. Madankollu, mill-eżami tad-*data* mhux verifikata nstab li l-PAC, bħala medja ddifferenzjata, jirrappreżenta proporzjon żgħir ħafna mill-ispejjeż tat-tħaddim ta’ l-utenti kkonċernati.

(92) Fuq din il-bażi, ġie konkluż li l-attivitajiet ta’ kwalunkwe utent tal-PAC mhux se jkunu milquta serjament mill-issuktar tal-miżuri.

7.6. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità**

(93) Jekk jitqiesu l-interessi tal-partijiet kollha li ppreżentaw irwieħhom matul l-investigazzjoni, jidher li m’hemmx raġunijiet kbar fir-rigward ta’ l-interess Komunitarju kontra l-issuktar tal-miżuri kontra l-iddampjar.

8. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(94) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li ssir rakkomandazzjoni li l-miżuri eżistenti dwar l-importazzjonijiet tal-PAC jinżammu. Ingħataw ukoll perjodu li fih ikunu jistgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar.

(95) Minn dak li ntqal fuq jirriżulta, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, li l-miżuri kontra l-iddampjar applikabbli għall-importazzjonijiet tal-PAC li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jinżammu.

9. DAZJI

(96) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu rigward l-issuktar ta' l-iddampjar, il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara u l-interess Komunitarju, il-miżuri kontra l-iddampjar fuq l-importazzjonijiet ta' PAC li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jinżammu sabiex jipprevjenu li terġa' ssir ħsara lill-industrija Komunitarja minħabba l-importazzjonijiet iddampjati.

(97) Il-livell attwali tad-dazju kontra l-iddampjar, ibbażat fuq livell tat-tneħħija tal-ħsara ta' 38.6 %, huwa stipulat għal € 323/tunnellata (dazju fiss).

(98) Fir-rigward tal-livell tad-dazju, parti interessata waħda argumentat li, billi t-tneħħija tar-rifużjoni fuq il-VAT li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jiksbu meta jesportaw prodotti miksuba minn materja prima mixtrija miċ-Ċina stess, il-marġnijiet ta' l-iddampjar għandhom ikunu inqas.

(99) Madankollu, fin-nuqqas sħiħ ta' kwalunkwe għamla ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi u n-nuqqas ta' talba ta' reviżjoni interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, din il-bidla allegata ta' l-ispiża tal-produzzjoni għall-prodotti esportati ma tistax tiġi sostanzjata u konsegwentement twarrbet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju definittiv kontra l-iddampjar huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' trab tal-karbon attivat bil-kodiċi tan-NK ex 3802 10 00 (kodiċi TARIC 3802 10 00 20) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. L-ammont tad-dazju definittiv kontra l-iddampjar għandu jkun 323 EUR kull tunnellata (użin nett).

3. Fil-każijiet fejn il-merkanzija tkun ġarrbet xi ħsarat qabel id-dħul tagħha fil-moviment ħieles u, għalhekk, il-prezz li jkun tħallas effettivament jew li jkun pagabbli ikun apporzjonat għad-determinazzjoni tal-valur tad-dwana skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]), l-ammont ta' dazju kontra l-iddampjar, ikkalkulat fuq il-bażi ta' l-ammonti stipulati hawn fuq, għandu jitnaqqas b'persentaġġ li jikkorrispondi ma' l-apporzjonament tal-prezz li kien effettivament imħallas jew li jkun pagabbli.

*Artikolu 2*

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. LAGARDE

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 650/2008

## tad-9 ta' Lulju 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 590/2008 (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 24).

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 33,6 |
| | MK | 22,0 |
| | TR | 69,0 |
| | ZZ | 41,5 |
| 0707 00 05 | TR | 74,8 |
| | ZZ | 74,8 |
| 0709 90 70 | TR | 92,6 |
| | ZZ | 92,6 |
| 0805 50 10 | AR | 104,2 |
| | US | 96,6 |
| | UY | 75,5 |
| | ZA | 112,5 |
| | ZZ | 97,2 |
| 0808 10 80 | AR | 99,8 |
| | BR | 96,4 |
| | CL | 105,9 |
| | CN | 70,5 |
| | NZ | 112,2 |
| | US | 88,2 |
| | UY | 93,6 |
| | ZA | 95,9 |
| | ZZ | 95,3 |
| 0808 20 50 | AR | 94,9 |
| | CL | 103,2 |
| | CN | 113,9 |
| | NZ | 142,1 |
| | ZA | 107,3 |
| | ZZ | 112,3 |
| 0809 10 00 | TR | 174,9 |
| | US | 284,0 |
| | XS | 130,8 |
| | ZZ | 196,6 |
| 0809 20 95 | TR | 365,6 |
| | US | 179,9 |
| | ZZ | 272,8 |
| 0809 30 | TR | 313,4 |
| | ZZ | 313,4 |
| 0809 40 05 | IL | 191,3 |
| | ZZ | 191,3 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 651/2008

## tad-9 ta' Lulju 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1653/2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità [1], u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri [2],

Billi:

(1) Wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], huwa meħtieġ li r-Regolament tal-Kummisssjoni (KE) Nru 1653/2004 [4] jiġi adattat b'mod li jkun konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ: Regolament Finanzjarju ġenerali) [5].

(2) Emendi oħra saru neċessarji fid-dawl ta' l-esperjenza akkwistata mill-aġenziji eżistenti.

(3) Għandu jiġi ċċarat li l-ġestjoni finanzjarja soda titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti. Il-karatteristiċi u l-għanijiet ewlenin tas-sistemi tal-kontroll intern għandhom jiġu definiti.

(4) Il-pubblikazzjoni tal-baġit amministrattiv ta' l-aġenziji għandu jiġi ssimplifikat filwaqt li jiġu ppreżervati l-prerogattivi ta' l-awtorità tal-baġit u tal-Qorti ta' l-Awdituri.

(5) Irriżulta li fil-prattika l-proċedura dwar it-trasferimenti li għandha tiġi adottata mid-diretturi ta' l-aġenziji mhix ċara u tieħu ħafna ħin. Għalhekk għandha tiġi ssimplifikata u aċċelerata.

(6) Kjarifika dwar is-sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi, dispożizzjonijiet ġodda dwar il-verifika *ex ante* ta' tranżazzjonijiet individwali simili li jirrigwardaw ċerti partiti ta' nefqa ta' rutina, dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà (*liability*) ta' l-uffiċjali awtorizzanti u l-użu tas-sistemi ta' debitar dirett għandhom jiġu introdotti fir-regolament finanzjarju standard.

(7) It-trasparenza miksuba fil-konfront ta' l-awtorità tal-baġit għandha tiġi żgurata permezz ta' rekwiżiti ġodda għal informazzjoni min-naħa ta' l-aġenziji fil-proċedura tal-baġit, partikolarment fir-rigward ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt u r-rinunzji għall-irkupru ta' ammonti riċevibbli stabbiliti.

(8) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fl-użu tal-fondi mill-baġit, huwa meħtieġ li jkun hemm aċċess għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' dawn il-fondi f'ċerti limiti neċessarji għall-ħarsien ta' interessi leġittimi kemm pubbliċi kif ukoll privati.

(9) Sabiex jissaħħaħ il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, l-aġenziji għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

(10) Sabiex jiġi żgurat li d-*data* personali ma tinżammx għal aktar żmien milli meħtieġ għall-iskopijiet li għalihom tkun inġabret jew ipproċessata ulterjorment, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tad-dokumenti anċillari.

(1) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.
(2) ĠU C 216, 14.9.2007, p. 1.
(3) ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1.
(4) ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1821/2005 (ĠU L 321M, 21.11.2006, p. 131).
(5) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

(11) Sabiex jissaħħaħ il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, l-aġenziji għandhom jistabbilixxu lista ta' ammonti riċevibbli, filwaqt li jiddikjaraw l-ismijiet tad-debituri u l-ammonti tad-djun fejn id-debitur ikun ġie ordnat li jħallas b'deċiżjoni tal-Qorti li jkollha s-saħħa ta' *res judicata* u fejn l-ebda ħlas jew ħlas sinifikanti ma jkun sar għal sena wara l-pronunzja tagħha. Il-lista għandha tiġi ppubblikata, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-ħarsien tad-data.

(12) Ir-responsabbiltà ta' l-uffiċjali tal-kontabilità għaċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet fuq il-bażi ta' l-informazzjoni finanzjarja fornuta lilhom mill-uffiċjali awtorizzanti għandha tiġi ċċarata. Għal dan il-għan, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jingħata l-poter li jikkontrolla li l-informazzjoni li tasal għand l-uffiċjal awtorizzanti b'delega u li jniżżel riżervi, jekk ikun meħtieġ.

(13) Ladarba l-aġenziji huma uffiċjali awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni, kwistjonijiet ta' kontroll intern dwar l-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet operattivi mid-diretturi tagħhom huma parti mir-rapporti stabbiliti skond l-Artikolu 86 (3) u (4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali. Sabiex jiġu ssimplifikati l-mekkaniżmi tar-rappurtaġġ u jiġu evitati flussi żejda ta' informazzjoni, ir-rapport ta' l-awditur intern dwar l-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' l-aġenziji eżekuttivi għandu jsir parti mir-rapport ta' l-awditur intern skond l-Artikolu 86(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali. Għall-istess raġuni, il-Kummissjoni għandha tinkludi r-rapporti stabbiliti mill-aġenziji skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004 fir-rapport tagħha skond l-Artikolu 86(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali li tibgħat lill-awtorità tar-rilaxx.

(14) Il-kundizzjonijiet ta' l-użu, mill-aġenziji, tas-servizzi u l-uffiċċji tal-Kummissjoni, l-uffiċċji interistituzzjonali Ewropej u ċ-Ċentru tat-Traduzzjonijiet għall-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea ([1]) ggħandhom jiġu ċċarati. Għandha tiġi inkluża dispożizzjoni għall-għażla ta' esperti, li tikkorrispondi għal dik introdotta fir-Regolament Finanzjarju ġenerali.

(15) Sabiex jissaħħaħ il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet u billi l-aġenziji ma jistgħux jeżerċitaw ċerti prerogattivi li huma esklussivament responsabbiltà ta' l-istituzzjonijiet Ewropej, huma għandhom jintalbu jinkludu klawsoli kontrattwali speċifiċi fil-kuntratti li jiġu konklużi ma' partijiet terzi li jippermettulhom jeżerċitaw ċerti drittijiet, inklużi s-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' kuntratti u proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u l-istabbiliment ta' perjodu ta' limitazzjoni.

(16) Għal raġunijiet ta' trasparenza fil-konfront ta' l-awtorità tal-baġit, għandha tiġi introdotta proċedura ta' informazzjoni fir-rigward ta' proġetti b'impatt sinjifikanti fuq il-baġit amministrattiv ta' l-aġenzija.

(17) L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 jipprovdi għar-rilaxx sa mhux aktar tard mid-29 ta' April tas-sena N+2 filwaqt li ssir dikjarazzjoni espliċità li r-rilaxx għandu jiġi approvat flimkien ma'dak b'rabta ma' l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Wara r-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, li jipprovdi għar-rilaxx għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N+2, il-kontenut ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 sar inkonsistenti. Għalhekk, id-data tar-rilaxx għall-baġit operattiv ta' l-aġenziji eżekuttivi għandha tkun armonizzata ma' dik tal-baġit ġenerali.

(18) Ir-Regolament (KE) Nru 1653/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1653/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-baġit għandu jkun stabbilit u implimentat f'konformità mal-prinċipji ta' l-unità, il-preċiżjoni tal-baġit, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-unità tal-kontijiet, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja soda li jirrikjedu kontroll intern effettiv u effiċjenti, u t-trasparenza kif stabbilit f'dan ir-Regolament.";

(2) Fir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 9, tinżied is-sentenza li ġejja:

"Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju tas-sena N+1, l-aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' kull dħul assenjat li jkun ġie trasferit.";

([1]) ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1645/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13).

(3) Fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, mill-15 ta' Novembru ta' kull sena, in-nefqa amministrattiva ta' rutina tista' tiġi impenjata bil-quddiem kontra l-approprjazzjonijiet ipprovduti għas-sena finanzjarja ta' wara. Tali impenji ma jistgħux jaqbżu kwart l-approprjazzjonijiet deċiżi mill-bord ta' ġestjoni fuq il-linja tal-baġit li tikkorispondi magħhom għas-sena finanzjarja kurrenti. Huma ma jistgħux jirrigwardaw infiq ġdid, li l-prinċipju tiegħu jkun għadu ma ġiex rikonoxxut fl-aħħar baġit adottat kif suppost.";

(4) Fl-Artikolu 18, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Id-direttur għandu jieħu d-deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet fi ħdan il-baġit operattiv. Hu għandu jinfurma lill-bord ta' ġestjoni minn qabel, u dan jista' jopponi dawn it-trasferimenti. Wara l-approvazzjoni tal-bord ta' ġestjoni jew fl-assenza ta' risposta fi żmien tliet ġimgħat minn meta tkun ingħatat l-informazzjoni, id-direttur jista' jipproċedi bit-trasferimenti ppjanati.";

(5) Fit-Titolu II, Kapitolu 7, jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:

"*Artikolu 19a*

1. Il-baġit għandu jiġi implimentat skond kontroll intern effettiv u effiċjenti.

2. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-baġit, il-kontroll intern huwa definit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha tat-tmexxija u mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli għall-ksib ta' l-għanijiet li ġejjin:

(a) l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija ta' l-operazzjonijiet;

(b) l-affidabbiltà tar-rappurtaġġ;

(ċ) is-salvagwardja ta' l-assi u ta' l-informazzjoni;

(d) il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi u ta' l-irregolaritajiet;

(e) kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, meta jitqies il-karattru multiannwali tal-programmi u n-natura tal-ħlasijiet ikkonċernati.";

(6) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Il-baġit u l-baġits ta' emenda, kif adottati finalment, għandhom jiġu trażmessi għall-informazzjoni lill-awtorità tal-baġit, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Kummissjoni u ppubblikati fuq is-sit ta' l-Internet ta' l-aġenzija kkonċernata. Taqsira tal-baġits u l-baġits ta' emenda għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fi żmien tliet xhur minn meta jkunu addottati.

Is-sommarju għandu juri l-ħames linji baġitarji ewlenin relatati mad-dħul kif ukoll il-ħames linji baġtarji ewlenin relatati man-nefqa, il-pjan ta' stabbiliment u stima ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt, muri f'ekwivalenti ta' persunal *full-time* li hemm approprjazzjonijiet allokati għalih fil-baġit, u esperti nazzjonali ssekondati. Għandu jindika wkoll iċ-ċifri għas-sena ta' qabel.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"L-aġenzija għandi tpoġġi għad-dispożizzjoni fuq is-sajt ta' l-Internet tagħha l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi mill-baġit, inkluż ta' l-esperti impjegati b'kuntratt skond l-Artikolu 50b. Il-pubblikazzjoni għandha tkun aċċessibbli, trasparenti u komprensiva. Dan it-tagħrif għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni b'rispett xieraq għall-obbligi tal-kunfidenzjalità, b'mod partikolari l-ħarsien tad-data personali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni ta' l-individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (*) u r-rekwiżiti tas-sigurtà.

Fejn il-pubblikazzjoni hija ppubblikata biss f'forma anonima, l-aġenzija għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-benefiċjarji kkonċernati lill-Parlament Ewropew b'mod xieraq u kull meta tintalab tagħmel dan.

(*) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.";

(7) L-Artikolu 21 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

L-Aġenzija għandha tibgħat lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-5 ta' Marzu ta' kull sena, stima tad-dħul u l-infiq tagħha għas-sena N+1 imfassla mid-direttur tagħha u adottata mill-bord ta' ġestjoni u l-linjigwida ġenerali li fuqhom tkun ibbażata din l-istima, flimkien mal-programm ta' ħidma tagħha.

L-istima tad-dħul u l-infiq ta' l-aġenzija għandha tinkludi:

(a) pjan ta' stabbiliment li jistabbilixxi l-għadd ta' postijiet temporanji awtorizzati fil-limiti ta' l-appropjazzjonijiet tal-baġit, bil-grad u bil-kategorija;

(b) meta sseħħ bidla fl-għadd ta' persuni f'post, resndikont li jiġġustifika t-talba għal postijiet ġodda;

(ċ) stima kull tlett xhur ta' pagamenti bi flus u rċevuti;

(d) l-għadd ta' persunal b'kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati jaħdmu ma' l-aġenzija u l-għadd stmat għas-sena N+1;

(e) stima tad-dħul assenjat;

(f) informazzjoni dwar il-ksib ta' l-għanijiet stabbiliti perċedentement tad-diversi attivitajiet kif ukoll ta' l-għanijiet ġodda imkejlin b'indikaturi;

Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni għandhom jiġu kkonsultati u ssir referenza għalihom bħala prova ta' kemm qabel li jsiru żieda jew tnaqqis fil-baġit operattiv propost ta' l-aġenzija f'paragun mal-baġit operattiv għas-sena N.";

(8) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Bħala parti mill-proċedura biex ikun addottat il-baġit ġenerali, il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rendikonti ta' stimi ta' l-awtorità baġitarja u tipproponi l-ammont ta' sussidju għall-aġenzija u l-għadd tal-persunal li hi tqis li l-entità teħtieġ. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi abbozz ta' pjan ta' stabbiliment ta' l-aġenzija u stima ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt f'ekwivalenti ta' *full-time* li jiġu allokati approprjazzjonijiet."

(b) fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 22, tinżied is-sentenza li ġejja: "Il-pjan ta' stabbiliment għandu jiġi ppubblikat f'anness ma' Taqsima III – Kummissjoni – tal-baġit ġenerali.";

(9) Fil-punt 1 ta' l-Artiklu 23, il-punt (b) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(b) id-dħul għas-sena finanzjarja preċedenti u d-dħul għas-sena N-2, inkluż id-dħul assenjat;";

(10) Fit-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 24(1), il-kliem "taħt il-grad A3" huma sostitwiti b'"taħt il-grad AD13";

(11) Fl-Artikolu 25, għandu jiġi miżjud is-sottoparagrafu li ġej:

"Bla ebda ħsara lejn ir-responsabbiltajiet ta' l-uffiċjal awtorizzanti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi u irregolaritajiet, l-aġenziji għandhom jipparteċipaw f'attivijtajiet ta' prevenzjoni tal-frodi ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.";

(12) Fl-Artikolu 27, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"L-atturi finanzjarji kollha fit-tifsira tal-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-verifika jew il-kontroll tal-baġit għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe miżura li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk ta' l-aġenzija jew tal-Komunitajiet. F'każ bħal dan, il-persuna ikkonċernata m'għandhiex tieħu tali miżuri u għandha tirreferi l-każ lis-superjur tagħha. Id-direttur għandu jirreferi l-każ lill-bord ta' ġestjoni.";

(13) L-Artikoli 29 u 30 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u mill-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti tal-legalità u r-regolarità. Huwa għandu jżomm id-dokumenti ta' sostenn li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet li jkunu saru fuq medda ta' ħames snin mid-data tad-deċiżjoni tar-rilaxx għall-implimentazzjoni tal-budget. Fejn hu possibbli, id-*data* personali fid-dokumenti ta' prova għandha tithassar meta dik id-*data* ma tkunx neċessarja għar-rilaxx tal-baġit jew għal skopijiet ta' kontroll u verifika. F'kull każ, rigward iż-żamma ta' *traffic data*, għandu japplika l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) 45/2001.

2. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jistabbilixxi, f'konformità ma' l-istandards minimi adottati mill-Kummissjoni għad-dipartimenti tagħha stess u b'kunsiderazzjoni għar-riskji assoċjati ma' l-ambjent tal-ġestjoni u man-natura ta' l-azzjonijiet iffinanzjati, l-istruttura organizzattiva u l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni li jkunu adattati għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, inklużi, fejn ikun xieraq, verifiki *ex post*.

Skond in-natura u l-ambitu tad-dmirijiet, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jistabbilixxi funzjoni ta' għarfien u konsulenza fid-dipartimenti tiegħu, bil-għan li jgħinuh jikkontrolla r-riskji involuti fl-attivitajiet tiegħu.

Qabel ma tkun awtorizzata operazzjoni, l-aspetti operattivi u finanzjarji għandhom jiġu verifikati minn impjegati għajr dak li jkun ta bidu għall-operazzjoni.

Għall-fini tal-verifika *ex ante*, sensiela ta' tranżazzjonijiet individwali simili li jirrigwardaw nefqa ta' rutina fuq salarji, pensjonijiet, ħlas lura ta' spejjeż ta' missjonijiet u spejjeż mediċi jistgħu jiġu kkunsidrati mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli bħala operazzjoni waħda. F'dan il-każ, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, skond il-valutazzjoni tiegħu tar-riskju, għandu jwettaq verifika *ex post*.

Il-bidu ta' verifiki *ex ante* u *ex post* ta' operazzjoni għandha ssir b'funzjonijiet differenti.

3. Skond l-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, sal-15 ta' Marzu kull sena, l-uffiċjal awtorizzanti għandu jirrapporta lill-bord ta' ġestjoni dwar il-prestazzjoni tad-dmirijiet tiegħu fil-forma ta' rapport ta' l-attività annwali flimkien ma' informazzjoni finanzjarja u amministrattiva li tikkonferma li l-informazzjoni li hemm fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta kif speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riserva marbuta ma' oqsma definti ta' dħul u nfiq.

*Artikolu 30*

1. Il-bord ta' ġestjoni għandu jaħtar uffiċjal tal-kontabilità, li għandu jkun uffiċjal sekondat jew membru tal-persunal temporanju reklutat direttament mill-aġenzija u li għandu jkun responsabbli għal dan li ġej:

(a) l-implimentazzjoni kif jixraq tal-ħlasijiet, għall-ġbir tad-dħul u għall-irkupru ta' l-ammonti stabbiliti bħala reċivibbli;

(b) it-tħejjija tal-kontijiet ta' l-aġenzija skond it-Titolu VI;

(ċ) iż-żamma tal-kontijiet skond it-Titolu VI;

(d) l-implimentazzjoni tar-regoli u l-metodi tal-kontabilità u l-karta tal-kontijiet skond id-dispożizzjonijiet adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni;

(e) id-deċiżjoni li jiġu stabbiliti s-sistema tal-kontabilità u l-validazzjoni tagħhom u, fejn xieraq, sistemi ta' validazzjoni stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti maħsuba biex ifornu jew jiġġustifikaw l-informazzjoni dwar il-kontijiet; l-uffiċjal tal-kontabilità se jkollu s-setgħa jivverifika li l-kriterji ta' validazzjoni jiġu rispettati;

(f) il-ġestjoni tat-teżor.

2. Qabel ma l-bord ta' ġestjoni japprova l-kontijiet, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jiffirmahom u b'dan jiċċertifika li għandu assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-aġenzija.

Għal dak l-għan, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jkun sodisfatt li l-kontijiet ikunu tħejjew skond ir-regoli, il-metodi u s-sistemi ta' kontabilità stabbiliti u li d-dħul u l-infiq kollu jkun iddaħħal fil-kontijiet.

L-uffiċjal awtorizzanti għandu jgħaddi l-informazzjoni kollha li l-uffiċjal tal-kontabilità jkollu bżonn biex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu.

L-uffiċjal awtorizzanti għandu jibqa' għal kollox responsabbli għall-użu tal-fondi li jkun jamministra u kif ukoll għal-legalità u regolarità ta' l-infiq taħt il-kontroll tiegħu.

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jingħata s-setgħa biex jiċċekkja l-informazzjoni li jirċievi kif ukoll biex jagħmel aktar verifiki li jemmen li jkunu meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma l-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jagħmel riservi, jekk meħtieġ, fejn ifisser eżattament in-natura u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta dawn ir-riservi.

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jikseb mill-uffiċjal awtorizzanti, li għandu jiggarantixxi l-affidabilità tagħha, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni ta' kontijiet li jagħtu stampa reali ta' l-assi ta' l-aġenzija u ta' l-implimentazzjoni tal-baġit.

3. Ħlief meta pprovdut xort'oħra f'dan ir-Regolament, l-uffiċjal tal-kontabilità biss għandu l-poter li jamministra l-flus likwidi u l-ekwivalenti tagħhom. Hu għandu jkun responsabbli għaż-żamma fiż-żgur tagħhom.";

(14) Fit-Titolu IV, Kapitolu 2, jiddaħħal l-Artikolu 30a li ġej:

"*Artikolu 30a*

L-uffiċjal tal-kontabilità jista', fit-twettiq tad-doveri tiegħu, jiddelega ċerti inkarigi lil persunal subordinat għalih li jkunu membri tal-persunal temporanju.";

(15) L-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jintalab iħallas kumpens kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal.";

(b) Jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-obbligu biex jitħallas kumpens għandu partikolarment japplika jekk:

(a) l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni, kemm jekk b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza kbira min-naħa tiegħu, jiddetermina l-ammonti dovuti li għandhom jiġu rkuprati jew joħroġ ordnijiet għall-irkupru, jimpenja nefqa jew jiffirma ordni għall-ħlas mingħajr ma jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(b) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba traskuraġni serja min-naħa tiegħu, jonqos milli jipproduċi dokument li jistabbilixxi dejn, jittraskura milli joħroġ ordni ta' rkupru jew jittardja l-ħruġ ta' din l-ordni jew ta' ordni għal ħlas, u b'hekk jesponi lill-istituzzjoni għal azzjoni civili minn partijiet terzi.";

(16) Fl-Artikolu 35(1), għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Id-direttur għandu jirreferi, f'forma anonima, għall-opinjonijiet tal-bord tar-rapport ta' attività annwali u jindika l-miżuri ta' segwitu meħuda.";

(17) Fl-Artikolu 38, it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-kuntratti konklużi mill-aġenzija ma' operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu li kwalunkwe dejn li ma jitħallasx sad-data stipulata fin-nota ta' debitu għandu jiġġenera imgħax skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 (*). Il-kundizzjoni li tistipula li l-imgħax fuq ħlas li jsir tard huwa dovut lill-aġenzija, inkluża r-rata ta' interessi bl-arretrati, għandha tissemma b'mod espliċitu fil-kuntratti.

(*) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1."

(18) Fl-Artikolu 40, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun qed jippjana li jħassar jew li jħassar parzjalment l-irkupru ta' ammont riċevibbli stabbilit, huwa għandu jiżgura li t-tħassir ikun skond ir-regoli u jkun jikkonforma mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzonalità. Huwa għandu jirrapporta l-intenzjoni tiegħu li jħassar l-ammont riċevibbli stabbilit lill-bord ta' ġestjoni. Tali tħassir isir b'deċiżjoni ta' l-uffiċjal awtorizzanti, li trid tkun issostanzjata. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega din id-deċiżjoni biss għal ammonti riċevibbli ta' anqas minn EUR 5 000. Id-deċiżjoni tat-tħassir għandha tiddikjara x'azzjoni tkun ittieħdet biex isir l-irkupru u l-punti tal-ligi u fatti li fuqha tkun ibbażata.";

(19) L-Artikolu 42 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 42*

Jista' jingħata aktar żmien għall-ħlas mill-uffiċjal tal-kontijiet, b'koordinazzjoni ma' l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, biss fuq talba bil-miktub, b'indikazzjoni xierqa tar-raġunijiet, sakemm id-debitur jintrabat li jħallas l-interessi għall-perjodu kollu taż-żmien permess, li jibda mid-data stabbilita fin-nota tad-debitu u, sabiex jitħarsu l-interessi ta' l-aġenzija, huwa jipprovdi garanzija finanzjarja li tkopri sew is-somma prinċipali u kif ukoll l-imgħax."

(20) Fit-Titolu IV, Kapitolu 4, jiddaħħalu l-Artikoli 42a u 42b li ġejjin:

"*Artikolu 42a*

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jżomm lista ta' ammonti li għandhom ikunu rkuprati. L-intitolamenti ta' l-aġenzija għandhom jinġabru f'lista skond id-data ta' ħruġ ta' l-ordni ta' l-irkupru. Huwa għandu jindika d-deċiżjonijiet li ssir ir-rinunzja, jew ir-rinunzja parzjali, ta' ammonti riċevibbli stabbiliti. Il-lista għandha tiġi miżjuda mar-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja ta' l-aġenzija. L-aġenzija għandha tistabbilixxi lista ta' l-intitolamenti ta' l-aġenzija dwar il-baġit amministrattiv tagħha, li tagħti l-ismijiet tad-debituri u l-ammont tad-dejn, fejn id-debitur ikun ġie ordnat iħallas b'deċiżjoni tal-Qorti li jkollha s-saħħa ta' *res judicata* u fejn l-ebda ħlas, jew l-ebda ħlas sinifikanti, ma jkun sar matul sena mill-pronunzja tagħha. Il-lista għandha tiġi ppubblikata, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni relevanti dwar il-ħarsien tad-data.

*Artikolu 42b*

Intitolamenti ta' l-aġenzija fir-rigward ta' partijiet terzi u intitolamenti ta' partijiet terzi fir-rigward ta' l-aġenzija għandhom ikunu suġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jitniżżel fil-kuntratti konklużi mill-aġenzija.";

(21) Fl-Artikolu 47, jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel paragrafu:

"Meta jsiru ħlasijiet perjodiċi għal servizzi mogħtija jew oġġetti pprovduti, u soġġett għall-analiżi tiegħu tar-riskju, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jordna l-applikazzjoni ta' sistema ta' debitu dirett.";

(22) L-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni paragrafu, ir-raba' sentenza hija sostitwita b'li ġej:

"L-awditur intern għandu jindika, fir-rapport annwali tiegħu/tagħha mressaq lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 86(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, in-numru u t-tip tal-verifiki mwettqa fir-rigward ta' l-aġenziji, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjonijiet meħuda skond dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Dik l-informazzjoni għandha titressaq ukoll lill-aġenzija kkonċernata."

(b) ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Kull sena d-direttur għandu jfassal rapport li jippreżenta fil-qosor in-numru u t-tip tal-verifiki interni mwettqa mill-awditur intern, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-ħidma sussegwenti li ssir dwar dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Huwa għandu jagħti r-rapport lill-Kummissjoni wara li jkun għarraf lill-bord ta' ġestjoni. Il-Kummissjoni għandha tinkludi dan ir-rapport fir-rapport tagħha skond l-Artikolu 86(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.";

(23) L-Artikolu 50 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 50*

1. Fir-rigward ta' l-akkwisti għall-operat ta' l-aġenzija, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament finanzjarju Ġenerali u r-Regolament (EC Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw bil-kundizzjoni ta' paragrafi 3 u 5 ta' dan l-Artikolu.

2. L-aġenziji li jitolbu li jkunu assoċjati, bħala awtorità kontraenti, ma' l-għoti ta' kuntratti tal-Kummissjoni jew kuntratti interistituzzjonali.

3. Fejn il-Kummissjoni, l-uffiċċji interistituzzjonali jew iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni jkunu jistgħu jipprovdu oġġetti, servizzi jew ħidma, l-aġenziji għandhom l-ewwel jirrikorru għal dawn l-entitajiet. L-istess għandu japplika fejn dawn l-entitajiet jkunu jistgħu jwettqu dawn id-dmirijiet permezz ta' kuntatti ma' operaturi ekonomiċi, u jagħtu servizzi addizzjonali sinifikanti li jmorru lilhinn minn dawk ta' sempliċi intermedjarju jew konsulent. L-aġenzija għandha tikkonkludi ftehimiet ma' dawn l-entitajiet.

4. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 101 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, is-sejħa għall-offerti għandha tipprovdi li l-aġenzija tista', qabel ma tiġi ffirmat il-kuntratt, jew tabbanduna l-akwwist jew tikkanċella l-proċedura ta' l-għoti mingħajr ebda pretensjoni ta' kumpens min-naħa tal-kandidati jew ta' min jitfa' l-offerta.

5. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, is-sejħiet għall-offerti mnedija mill-aġenzija għandhom jipprovdu li hi tkun tista' tissospendi l-proċedura u li tkun tista' tieħu kwalunwe miżura neċessarja, inkluż it-tħassir tal-proċedura taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-kuntratti konklużi mill-aġenzija għandhom jistipulaw li hija tista' tieħu l-miżuri speċifikati f'dak l-Artikolu taħt il-kundizzjonijiet stipulati fih.";

(24) Jiddaħħlu t-Titoli VA u VB li ġejjin:

"TITOLU VA

**PROĠETTI B'IMPLIKAZZJONIJIET SINJIFIKANTI FUQ IL-BAĠIT**

*Artikolu 50a*

Il-bord ta' ġestjoni għandu, malajr kemm jista' jkun, jgħarraf lill-awtorità tal-baġit bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti fuq il-finanzjament tal-baġit operattiv tiegħu, b'mod partikolari kwalunkwe proġett relatat mal-proprjetà bħal kera jew xiri ta' bini. Huwa għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.

Jekk waħda mill-fergħat ta' l-awtorità tal-baġit tkun bi ħsiebha tagħti opinjoni, hija għandha fi żmien ġimagħtejn minn meta taslilha l-informazzjoni dwar il-proġett tinnotifika lill-istituzzjoni kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li tagħti tali opinjoni. Fin-nuqqas ta' tweġiba, l-aġenzija tista' tipproċedi bl-operazzjoni ppjanata.

L-opinjoni għandha tintbagħat lill-aġenzija kkonċernata u lill-Kummissjoni fi żmien ġimagħtejn minn meta ssir in-notifika skond it-tieni paragrafu.

TITOLU VB

**ESPERTI**

*Artikolu 50b*

L-Artikolu 265a tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-għażla ta' l-esperti, li għandhom jitħallsu abbażi ta' ammont fiss, għall-għajnuna lill-aġenzija, b'mod partikolari fil-valutazzjoni ta' proposti u applikazzjonijiet għall-għotjiet u offerti għal akkwisti pubbliċi, u għall-għoti ta' għajnuna teknika matul il-ħidma sussegwenti u l-valutazzjoni finali tal-proġetti. L-aġenziji jistgħu wkoll jużaw il-listi ta' esperti mfassla mill-Kummissjoni.";

(25) L-Artikolu 51 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 51*

Il-kontijiet ta' l-aġenzija għandhom jinkludu r-rendikonti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. Huma għandu jkollhom magħhom rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja matul is-sena, li jagħti rendikont, fost l-oħrajn, tar-rata ta' eżekuzzjoni ta' l-approprjazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn id-diversi partiti tal-baġit."

(26) L-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-bord ta' ġestjoni għandu jinnotifika, sa l-1 ta' Marzu wara tmiem is-sena finanzjarja, lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri bil-kontijiet provviżorji flimkien mar-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja matul is-sena u għandu jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa l-istess data."

(b) fil-punt (ċ), il-kliem "fil-31 ta' Ottubru" huma sostitwiti bil-kliem "sal-15 ta' Novembru";

(27) Fl-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, li għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata, għandu japprova r-rilaxx lid-direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit amministrattiv għas-sena N qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N+2. Id-direttur għandu jinforma lill-bord ta' ġestjoni dwar il-kummenti tal-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni li toħroġ flimkien mal-proċedura tar-rilaxx.";

(28) L-Artikolu 68 jitħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 9 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Dalia GRYBAUSKAITĖ
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE, EURATOM) Nru 652/2008

## tad-9 ta' Lulju 2008

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kunsill,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri , ([2]),

Billi:

(1) Wara l-emenda tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (minn hawn 'il quddiem: "Regolament Finanzjarju ġenerali") mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 ([3]), jeħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ([4]) jiġi adattat sabiex ikun konformi mar-Regolament Finanzjarju Ġenerali. Emendi oħra saru neċessarji fid-dawl ta' l-esperjenza akkwistata mill-entitajiet Komunitarji eżistenti.

(2) Fir-rigward tad-differenza fl-iskadenza tad-deċiżjonijiet tar-rilaxx marbuta ma' l-entitajiet Komunitarji u li kienu jipprovdu għall-baġit ġenerali fir-Regolament Finanzjarju ġenerali, dan ir-Regolament għandu jirrispetta l-iskadenza stipulata fl-atti bażiċi li jistabbilixxu l-entitajiet Komunitarji, li minnhom ma tistax tiddevja. Għalhekk, l-istituzzjoni kkonċernata u, fejn xieraq, l-entitajiet Komunitarji, għandhom jevitaw id-diffikultajiet fil-prattika u jħabirku favur l-armonizzazzjoni ta' dawn l-atti bażiċi fil-ġejjieni.

(3) Għandu jiġi ċċarat li l-ġestjoni finanzjarja soda titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti. Il-karatteristiċi u l-għanijiet ewlenin tas-sistemi tal-kontroll intern għandhom jiġu definiti.

(4) Aktar trasparenza fir-rigward ta' l-awtorità baġitarja għandha tiġi żgurata permezz ta' rekwiżiti ġodda ta' informazzjoni fuq l-entitajiet Komunitarji fil-proċedura tal-baġit partikolarment fir-rigward ta' l-istimi ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt, bilanċi favorevoli, dħul assenjat u rinunzji għal irkupru ta' ammonti riċevibbli stabbiliti.

(5) Sabiex jiġi żgurat li *data* personali ma tinżammx aktar minn meħtieġ għall-iskopijiet li għalihom tkun inġabret jew għall-għanijiet li huma pproċessati ulterjorment, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tad-dokumenti anċillari.

(6) Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, kull entità Komunitarja għandha tistabbilixxi lista ta' ammonti riċevibbli, li tindika l-ismijiet tad-debituri u l-ammont tad-debitu, fejn id-debitur ikun ġie ordnat iħallas b'deċiżjoni tal-Qorti li jkollha s-saħħa ta' *res judicata* u fejn l-ebda ħlas, jew l-ebda ħlas sinjifikanti, ma jkun sar fi żmien sena minn meta tkun ingħatat tali deċiżjoni. Din il-lista għandha tiġi ppubblikata, b'kunsiderazzjoni għal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-protezzjoni tad-*data*.

(7) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza fl-użu tal-fondi li jiġu mill-baġit tagħhom, ikun xieraq li jiġi stipulat obbligu ġenerali li l-entitajiet Komunitarji jrendu disponibbli informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi.

(8) Ħareġ fid-dieher li l-lista ta' partiti assenjati ta' dħul assenjat ma kinux kompluti u għalhekk għandhom jiġu kompletati skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(9) Il-pubblikazzjoni tal-baġit ta' l-entitajiet Komunitarji għandha tiġi ssimplifikata filwaqt li jiġu ppreżervati l-prerogattivi ta' l-awtorità tal-baġit u tal-Qorti ta' l-Awdituri.

(10) Il-proċedura rigward trasferimenti li għandhom ikunu adottati mid-diretturi ta' aġenziji Komunitarji ġiet applikata b'mod inkonsistenti u għaldaqstant għandha tiġi ċċarata. B'mod partikolari, l-awtorità tal-baġit għandha tinżamm informata dwar trasferimenti importanti.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).
([2]) ĠU C 23, 28.1.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(11) It-talbiet għal ħlasijiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu sostanzjati u bbażati fuq ġestjoni serja tal-likwidità sabiex jiġu evitati bilanċi favorevoli fi tmiem is-sena.

(12) L-effetti ta' xogħol part-*time* fuq il-pjan ta' stabbiliment għandhom ikunu speċifikati biex ikun iffaċilitat l-użu tiegħu, speċjalment f'entitajiet Komunitarji żgħar.

(13) Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, l-entitajiet Komunitarji għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi.

(14) Ikun xieraq li jiġu stipulati dettalji dwar sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi sabiex ikunu koperti l-persuni kollha involuti fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti.

(15) Fir-rigward ta' obbligi ta' verifika ex ante, it-trattament ta' operazzjonijiet individwali simili relatati ma' ċerti partiti ta' nfiq ta' rutina għandu jkun issimplifikat.

(16) Ir-responsabbiltà finanzjarja ta' l-uffiċjali awtorizzanti għandha tkun espressament limitata għal każijiet ta' negliġenza kbira.

(17) Sabiex it-tranżazzjonijiet f'ċerti każijiet jiġu ffaċilitati, l-entitajiet Komunitarji għandhom ikunu jistgħu jużaw sistema ta' debitu dirett.

(18) Billi d-Direttur ta' l-entità Komunitarja, li huwa l-uffiċjal awtorizzanti, huwa s-superjur ġerarkiku ta' l-uffiċjal tal-kontabilità, għandha ssir referenza espliċita għall-indipendenza funzjonali ta' l-uffiċjal tal-kontabilità fit-twettiq ta' dmirijietu.

(19) Ir-responsabbiltà ta' l-uffiċjali tal-kontabilità għaċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet fuq il-bażi ta' l-informazzjoni finanzjarja fornuta lilhom mill-uffiċjali awtorizzanti għandha tiġi ċċarata. Għal dan il-għan, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jingħata s-setgħa biex jivverifika l-informazzjoni li tasallu mingħand l-uffiċjal awtorizzanti b'delega u jagħmel ir-riżervi tiegħu jekk dan ikun meħtieġ.

(20) Huwa neċessarju li jiġi definit sett ta' regoli rigward id-drittijiet u t-tariffi li jitħallsu lill-entitajiet Komunitarji sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' ċerti entitajiet Komunitarji ffinanzjati minn dħul bħal dan.

(21) L-entitajiet Komunitarji għandhom ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-għarfien speċjalizzat tal-Bord ta' l-Irregolaritajiet Finanzjarji tal-Kummissjoni stabbilit skond l-Artikolu 66(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, li awtomatikament għandu jkun responsabbli mill-entitajiet Komunitarji sakemm dawn ta' l-aħħar ma jiddeċidux li jistabbilixxu bord jew li jipparteċipaw f'bord konġunt stabbilit minn diversi entitajiet Komunitarji.

(22) Il-kundizzjonijiet għall-użu, min-naħa ta' l-entitajiet Komunitarji, tas-servizzi u l-uffiċċji tal-Kummissjoni, uffiċċji interistituzzjonali Ewropej u ċ-Ċentru ta' Traduzzjonijiet għall-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea stabbilit bir-Regolament tal-Kusnsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea [1] u proċeduri konġunti ta' akkwist ma' l-Istati Membri ospitanti għandhom ikunu speċifikati biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet Komunitarji u ma' l-Istati Membri ospitanti.

(23) Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet u billi l-entitajiet Komunitarji ma jistgħux jeżerċitaw ċerti prerogattivi assenjati esklussivament lill-istituzzjonijiet Komunitarji, huma għandhom ikunu obbligati jinkludu klawsoli kuntrattwali speċifiċi fil-kuntratti u fil-ftehimiet ta' għoti li huma jikkonkludu ma' partijiet terzi li jippermettulhom jeżerċitaw ċerti drittijiet, inkluż is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' kuntratti u proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u l-istabbiliment ta' perjodu ta' limitazzjoni.

(24) Għal raġunijiet ta' trasparenza fir-rigward ta' l-awtorità tal-baġit, għandha tiġi introdotta proċedura ta' informazzjoni għal proġetti b'impatt sinjifikanti fuq il-baġit amministrattiv ta' l-entità Komunitarja.

(25) Huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura speċifika għall-għażla ta' esperti, li tikkorrispondi għal dik stipulata fir-Regolament Finanzjarju ġenerali.

(26) Għandha tittejjeb il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn id-direttur ta' l-entità Komunitarja u l-bord ta' ġestjoni fil-qafas tal-proċedura ta' rilaxx.

(27) B'konformità ma' l-Artikolu 185(1) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, għandu jkun previst li fejn l-entità Komunitarja se tadotta regoli biex timplimenta r-regolament finanzjarju tagħha, l-adozzjoni ta' dawn ir-regoli hija suġġetta għal ftehim mal-Kummissjoni.

(28) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

[1] ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1645/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

It-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-baġit ta' entità Komunitarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-baġit') għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' l-unità u l-preċiżjoni tal-baġit, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-unità tal-kontijiet, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja soda, li jirrikjedu kontroll intern effettiv u effiċjenti kif jingħad f'dan ir-Regolament."

(2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-baġit għandu ikun fih approprjazzjonijiet mhux differenzjati u, fejn ġustifikat mill-ħtiġiet operazzjonali, approprjazzjonijiet differenzjati. Dawn ta' l-aħħar għandhom jikkonsistu f'approprjazzjonijiet għall-impenji u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet."

(3) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem "il-paragrafi 2 sa 8" huma sostitwiti bil-kliem "il-paragrafi 2 sa 7";

(b) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-approprjazzjonijiet għall-impenji u l-approprjazzjonijiet mhux differenzjati li jkunu għadhom mhux impenjati f'għeluq is-sena finanzjarja jistgħu jiġu trasferiti fir-rigward ta' l-ammonti li jikkorrispondu ma' l-approprjazzjonijiet għall-impenji li għalihom il-biċċa l-kbira ta' l-istadji preparatorji tal-proċedura biex dawn jiġu impenjati, li għandha tkun definita fir-regoli li jimplimentaw ir-regolament finanzjarju ta' kull entità tal-Komunità, jkunu tlestew sal-31 ta' Diċembru; dawn l-ammonti jistgħu mbagħad jiġu impenjati sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara."

(ċ) Fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-approprjazzjonijiet għall-ħlas jistgħu jiġu trasferiti fir-rigward ta' l-ammonti meħtieġa biex jagħmlu tajjeb għal impenji eżistenti jew impenji marbuta ma' l-approprjazzjonijiet għall-impenji li jkunu ġew trasferiti, meta l-approprjazzjonijiet imsemmija għal-linji rilevanti fil-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara ma jkunux ikopru l-ħtiġiet.";

(d) Fil-paragrafu 7 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju tas-sena N+1, l-entità Komunitarja għandha tinforma l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dħul assenjat trasferit.";

(4) L-Artikolu 13 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

1. Mill-15 ta' Novembru ta' kull sena, spejjeż amministrattivi ta' rutina jistgħu ikunu allokati bil-quddiem ma' l-appropjazzjonijiet pprovduti għas-sena finanzjarja ta' wara. Madankollu, tali impenji ma jistgħux jaqbżu l-kwart ta' l-approprjazzjonijiet deċiżi mill-bord ta' ġestjoni fuq il-linja tal-baġit li tikkorrispondi magħhom għas-sena finanzjarja kurrenti. Ma jistgħux jgħoddu għal spejjeż ġodda ta' tip li ma jkunx għadu approvat fil-prinċipju fl-aħħar baġit addottat kif suppost.

2. Infiq li jrid jitħallas bil-quddiem, pereżempju kera, jista' jagħti lok għal pagamenti mill-1 ta' Diċembru 'l quddiem li jitħallsu mill-appropjazzjonijiet għas-sena finanzjarja ta' wara. F'dan il-każ, il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 ma japplikax.";

(5) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-fondi Komunitarji li jitħallsu lill-entità tal-Komunità għandhom jikkostitwixxu għall-baġit tagħha sussidju ta' bilanċ, li jgħodd bħala prefinanzjament fis-sens ta' l-Artikolu 81(1)(b)(i) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali."

(b) Għandu jinżied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. L-entità Komunitarja għandha timplimenta ġestjoni stretta tal-likwidità, b'kunsiderazzjoni tad-dħul assenjat, sabiex tiżgura li l-bilanċi tal-likwidità tagħha huma limitati għal ħtiġijiet ġustifikati. Mat-talbiet tal-ħlasijiet tagħha hija għandha tressaq previżjonijiet dettaljati u aġġornati dwar il-ħtiġijiet reali ta' likwidità tagħha matul is-sena, inkluża informazzjoni dwar id-dħul assenjat.";

(6) Fl-Artikolu 16(1), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-entitajiet Komunitarji għandhom jipprovdu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena n, stima tal-bilanċ favorevoli operattiv mis-sena N-1, li għandu jitħallas lura lill-baġit Komunitarju aktar tard fis-sena N, biex b'hekk tiġi kkompletata l-informazzjoni li diġà hija disponibbli dwar il-bilanċ favorevoli tas-sena N-2. Din l-informazzjoni għandha tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni waqt il-valutazzjoni tal-ħtiġiet finanzjarji ta' l-entitajiet Komunitarji għas-sena N+1.";

(7) L-Artikolu 19 jinbidel b’dan li ġej:

“*Artikolu 19*

1. L-elementi ta’ dħul li ġejjin għandhom jintużaw biex jiġu ffinanzjati oġġetti speċifiċi ta’ nfiq:

(a) dħul allokat għal skop speċifiku, bħal dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati;

(b) kontribuzzjonijiet lill-attivitajiet ta’ l-entità tal-Komunità minn Stati Membri, pajjiżi mhux membri jew entitajiet mixxelanji, sakemm dan hu previst fil-ftehim milħuq bejn l-entità tal-Komunità u l-istati Membri, pajjiżi mhux membri jew entitajiet ikkonċernati;

(ċ) dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta’ prodotti, servizzi jew xogħol fornuti fuq talba tagħhom stess, għajr il-miżati u l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 5(a);

(d) dħul mill-forniment ta’ prodotti, servizzi u xogħlijiet għall-istituzzjonijiet Komunitarji jew entitajiet oħrajn tal-Komunità;

(e) dħul li ġej mill-ħlas lura ta’ ammonti mħallsa bi żball;

(f) dħul mill-bejgħ ta’ vetturi, tagħmir, installazzjonijiet, materjali u apparat xjentifiku u tekniku li jkunu qegħdin jinbidlu jew jiġu skreppjati meta l-valur tal-ktieb ikun kompletament deprezzat;

(ġ) ħlasijiet rċevuti minn assigurazzjoni;

(g) dħul minn ħlasijiet konnessi ma’ kirjiet;

(għ) dħul mill-bejgħ ta’ pubblikazzjonijiet u films, inklużi dawk fuq mezzi elettroniċi.

1a. L-att bażiku applikabbli jista’ jassenja wkoll id-dħul li għalih jipprevedi partiti speċifiċi ta’ nfiq.

2. L-elementi kollha ta’ dħul fis-sens tal-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandhom ikopru l-infiq dirett jew indirett li jsir mill-attività jew għan ikkonċernati.

3. Il-baġit għandu jkun f’linji sabiex jakkomoda l-kategorji ta’ dħul assenjat imsemmijin fil-paragrafi 1 u 1a, u fejn possibbli jindika l-ammont.”;

(8) L-Artikolu 21(1) jinbidel b’dan li ġej:

“1. It-tnaqqis li ġej jista’ jsir mit-talbiet għall-ħlas, fatturi jew rendikonti kollha, li mbagħad għandhom jgħaddu għall-ħlas ta’ l-ammont nett:

(a) il-penali imposti fuq partijiet għal kuntratti ta’ akkwist jew benefiċjarji ta’ għotja;

(b) skontijiet, rifużjonijiet u tnaqqis fuq fatturi individwali u talbiet għall-ħlas;

(ċ) l-imgħaxijiet iġġenerati minn ħlasijiet ta’ prefinanzjament.”;

(9) L-Artikolu 23 jinbidel b’dan li ġej:

“*Artikolu 23*

1. Id-Direttur jista’ jwettaq trasferimenti minn kapitolu għal ieħor u minn artikolu għal ieħor mingħajr limitu, u minn titolu għal ieħor sa massimu ta’ 10 % ta’ l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment.

2. Lilhinn mil-limitu msemmi fil-paragrafu 1, id-Direttur jista’ jipproponi trasferimenti ta’ approprazzjonijiet minn titolu għal ieħor lill-bord ta’ ġestjoni. Il-bord ta’ ġestjoni għandu jkollu tliet ġimgħat biex jopponi dawn it-trasferimenti. Wara dan il-limitu ta’ żmien, it-trasferimenti għandhom jitqiesu adottati.

3. Proposti għal trasferimenti u trasferimenti mwettqa taħt il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu akkompanjati bid-dokumenti ta’ sostenn xierqa u dettaljati li juru l-implimentazzjoni ta’ approprjazzjonijiet u estimi tar-rekwiżiti sattmiem tas-sena finanzjarja, kemm għall-intestaturi li jridu jkunu kkreditati u kemm għal dawk li jridu jsiru l-approprjazzjonijiet minnhom.

4. Id-Direttur għandu/ha j/tinforma lill-bord ta’ ġestjoni bit-trasferimenti mwettqa malajr kemm jista’ jkun. Huwa għandu jgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti kollha mwettqa taħt il-paragrafu 2.”;

(10) Fit-Titolu II, Kapitolu 7, jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

“*Artikolu 25a*

1. Il-baġit għandu jiġi implimentat skond kontroll intern effettiv u effiċjenti.

2. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-baġit, il-kontroll intern huwa definit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha ta' ġestjoni u mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli tal-ksib ta' l-għanijiet li ġejjin:

(a) effettività, effiċjenza u ekonomija fl-operazzjonijiet;

(b) rappurtar affidabbli;

(ċ) ħarsien ta' l-assi u l-informazzjoni;

(d) prevenzjoni u identifikazzjoni ta' frodi u irregolaritajiet;

(e) kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, meta jitqies il-karattru multi-annwali tal-programmi u n-natura tal-ħlasijiet ikkonċernati.";

(11) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Għandha tiġi ppubblikata taqsira tal-baġit u tal-baġits ta' emenda, kif adottati finalment, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħhom.

It-taqsira għandha turi l-ħames linji baġitarji ewlenin tad-dħul, il-ħames linji baġitarji ewlenin tan-nefqa għall-baġit amministrattiv u operattiv, il-ħolqien ta' pjan f'ekwivalenti ta' full-time li għalihom ġew allokati approprjazzjonijiet fil-baġit, u esperti nazzjonali ssekondati. Għandha tindika wkoll iċ-ċifra għas-sena ta' qabel."

(b) Jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. Il-baġit jinkludi l-pjan ta' stabbiliment u l-baġits ta' emenda, bħalma finalment adottati, kif ukoll indikazzjoni ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt f'ekwivalenti ta' *full-time* li ġew allokati approprjazzjonijiet fil-baġit fil-konfront tagħhom, u esperti nazzjonali ssekondanti, għandhom jintbagħtu bħala informazzjoni lill-awtorità tal-baġit, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Kummissjoni, u għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sajt ta' l-Internet ta' l-entità Komunitarja kkonċernata fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tagħhom.

4. L-entità Komunitarja għandha trendi disponibbli informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi mill-baġit tagħha, inkluż informazzjoni dwar esperti kkuntrattati skond l-Artikolu 74b, fuq il-websajt tagħha. L-informazzjoni ppubblikata għandha tkun aċċessibbli faċilment, trasparenti u komprensiva. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli filwaqt li jkunu debitament osservati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà, partikolarment il-ħarsien tad-data personali kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

Fejn l-informazzjoni hija pubblikata f'forma anonima, l-entità Komunitarja għandha, meta tintalab tagħmel dan, tipprovdi informazzjoni dwar il-benefiċjarji kkonċernati lill-Parlament Ewropew f'manjiera adegwata.

(*) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.";

(12) Artikolu 27 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 27*

1. Il-baġit ikun stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istrument li jikkostitwixxi l-entità tal-Komunità.

2. L-entità Komunitarja għandha tibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' stima provviżorja tad-dħul u l-infiq tagħha u d-dħul tagħha u l-linji gwida fil-bażi ta' dik l-istima, sa l-10 ta' Frar kull sena u l-abozz ta' stima finali sad-data speċifikata fl-istrument kostitwenti.

3. L-istima ta' dħul u nfiq ta' l-entità tal-Komunità għandha tinkludi:

(a) pjan ta' stabbiliment li jistabbilixxi l-għadd ta' postijiet temporanji u permanenti awtorizzati fil-limiti ta' l-appropjazzjonijiet tal-baġit, bil-grad u bil-kategorija;

(b) meta ssir bidla fl-għadd ta' persuni fil-karigi, rendikont li jiġġustifika t-talba għal postijiet ġodda;

(ċ) stima kull tlett xhur ta' ħlasijiet bi flus likwidi u rċevuti;

(d) informazzjoni dwar l-għadd ta' għanijiet stabbiliti li ntlaħqu qabel għall-attivitajiet diversi kif ukoll għanijiet ġodda imkejlin b'indikaturi;

Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni għandhom jiġu kkonsultati u ssir referenza għalihom bħala prova tal-merti probabbli ta' żieda jew tnaqqis tal-baġit propost ta' l-entità Komunitarja meta mqabbel mal-baġit tagħha għas-sena N.

4. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena l-entità Komunitarja għandha tibgħat lill-Kummissjoni u l-awtoritrà tal-baġit dawn id-dokumenti li ġejjin:

(a) abbozz ta' programm ta' ħidma tagħha.

(b) verżjoni aġġornata tal-pjan multiannwali tagħha dwar il-persunal, stabbilit skond il-linji gwida stipulati mill-Kummissjoni;

(ċ) informazzjoni dwar l-għadd ta' uffiċjali, persunal temporanju u b'kuntratt kif definit mir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Impjegati Oħrajn (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolamenti tal-Persunal") għas-snin n-1 u n u kif ukoll stima għas-sena N+1;

(d) informazzjoni dwar kontribuzzjonijiet in-natura li jingħataw mill-Pajjiż Membru ospitanti lill-entità Komunitarja.

(e) stima tal-bilanċ tal-kont tar-riżultati skond it-tifsira ta' l-Artikolu 81 għas-sena N-1.

5. Bħala parti mill-proċedura ta' l-adozzjoni tal-baġit ġenerali, il-Kummissjoni tibgħat ir-rendikonti ta' stimi ta' l-entità tal-Komunità lill-awtorita tal-baġit u tipproponi l-ammont ta' sussidju għall-entità Komunitarja u l-għadd tal-persunal li hi tqis li l-entità teħtieġ. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment ta' l-entitajiet Komunitarji u stima ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt f'ekwivalenti ta' persunal full-time li għalihom ikunu proposti approprjazzjonijiet.

6. L-awtorita tal-baġit taddotta l-pjan ta' stabbiliment ta' l-entità Komunitarja u kwalunkwe emenda sussegwenti li ssirlu skond l-Artikolu 32(1). Il-pjan ta' stabbiliment għandu jkun ippubblikat f'anness ta' Taqsima III – Kummissjoni – tal-baġit ġenerali.

7. Il-bord ta' ġestjoni jaddotta l-baġit u l-pjan ta' stabbiliment. Dawn isiru definittivi wara l-addozzjoni finali tal-baġit li tgħid l-ammont tas-sussidju u tal-pjan ta' stabbiliment u jekk ikun meħtieġ, il-baġit u l-pjan ta' stabbiliment ikunu rranġati skond il-ħtieġa.";

(13) L-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem "A1, A2 u A3" huma sostitwiti bil-kliem "AD 16, AD 15, AD 14 u AD 13";

(b) Fil-paragrafu 2, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Fejn membru tal-persunal jitlob l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni qabel l-iskadenza tal-perjodu mogħti, l-entità tal-Komunità għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tirrispetta l-limitu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun.";

(14) Artikolu 33, għandu jiġi miżjud is-sottoparagrafu li ġej:

"Bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' l-uffiċjal awtorizzanti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi u irregolaritajiet, l-entità Komunitarja għandha tipparteċipa f'attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.";

(15) Fl-Artikolu 34(1), il-kelmiet 'ir-regolamenti u r-regoli applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Regolamenti tal-Persunal") jinbidlu ma' "ir-Regolamenti tal-Persunal";

(16) Fl-Artikolu 35, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-atturi finanzjarji kollha fit-tifsira tal-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-verifika jew il-kontroll tal-baġit għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe miżura li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk ta' l-entità tal-Komunità. F'każ bħal dan, il-persuna kkonċernata għandha tastjeni milli tieħu tali miżuri u tirreferi l-każ lill-awtorità kompetenti.

2. Ikun hemm kunflitt ta' interessi jekk l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' persuna msemmija fil-paragrafu 1 jkun kompromess minħabba raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, interess ekonomiku jew kull interess ieħor maqsum bħal tal-benefiċjarju.";

(17) Fl-Artikolu 38(6), qed jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

"Fejn hu possibbli, id-data personali fid-dokumenti ta' prova għandha titħassar meta dik id-data ma tkunx neċessarja għar-rilaxx tal-baġit jew għal skopijiet ta' kontroll u verifika. Fi kwalunkwe każ, rigward iż-żamma ta' traffic data, għandu japplika l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) 45/2001.";

(18) Fl-Artikolu 39(3), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għall-fini tal-verifika *ex ante*, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jqis serje ta' tranżazzjonijiet individwali simili li jirrigwardaw infiq ta' rutina fuq salarji, pensjonijiet, ħlas lura ta' spejjeż ta' missjonijiet u spejjeż mediċi bħala operazzjoni waħda.

Fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, skond il-valutazzjoni tiegħu tar-riskju, għandu jwettaq verifika ex post xierqa skond il-paragrafu 4.";

(19) Fl-Artikolu 40, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jirrapporta lill-bord ta' ġestjoni dwar il-qadi ta' dmirijietu fil-forma ta' rapport ta' attività annwali, flimkien ma' l-informazzjoni finanzjarja u dik dwar il-ġestjoni li tikkonferma li l-informazzjoni fir-rapport tirrappreżenta veduta reali u ġusta għajr fejn ikun speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riżerva relatata ma' oqsma ta' dħul u nfiq definiti

Ir-rapport ta' attività annwali għandu jindika r-riżultati ta' l-operazzjonijiet tiegħu b'riferenza għall-għanijiet stabbiliti, ir-riskji marbuta ma' dawn l-operazzjonijiet, l-użu li sar mir-riżorsi pprovduti u l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontoll intern. L-awditur intern skond it-tifsira ta' l-Artikolu 71 għandu jqis ir-rapport ta' ħidma annwali u kwalunkwe informazzjoni oħra identifikata.";

(20) L-Artikolu 43 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 43*

1. Il-bord ta' ġestjoni għandu jaħtar uffiċjal tal-kontabilità, kopert bir-Regolamenti tal-Persunal, li fil-qadi ta' dmirijietu l-funzjoni tiegħu għandha tkun waħda indipendenti. Fi ħdan l-entità Komunitarja huwa għandu jkun responsabbli minn:

(a) implimentazzjoni tajba ta' dħul u rkupru ta' ammonti stabbiliti li għandhom jittieħdu;

(b) iħejji u jippreżenta l-kontijiet skond it-Titolu VII;

(ċ) iżomm il-kontijiet skond it-Titolu VII;

(d) implimentazzjoni, skond it-Titolu VII, ir-regoli u l-metodi taż-żamm tal-kotba u l-karta tal-kontijiet skond id-dispożizzjonijiet addottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni;

(e) id-deċiżjoni li jiġu stabbiliti s-sistemi tal-kontabilità u l-validazzjoni tagħhom u, fejn xieraq, sistemi ta' validazzjoni stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti maħsuba biex ifornu jew jiġġustifikaw l-informazzjoni dwar il-kontijiet; l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jkollu s-setgħa li jivverifika r-rispett lejn il-kriterji ta' validazzjoni;

(f) jamministra l-fondi.

2. L-uffiċjal tal-kontijiet jikseb l-informazzjoni meħtieġa biex isiru kontijiet li jagħtu stampa veru ta' l-assi ta' l-entità tal-Komunità u ta' l-implimentazzjoni tal-baġit, mingħand l-uffiċjal awtorizzanti, li jiggarantixxi li din tkun informazzjoni affidabbli.

2a. Qabel l-adozzjoni tal-kontijiet mid-Direttur, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jiffirmahom u b'dan jiċċertifika li għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-entità Komunitarja.

Għal dan l-għan, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jkun sodisfatt li l-kontijiet tħejjew skond ir-regoli, il-metodi u s-sistemi ta' kontabilità stabbiliti u li d-dħul u l-infiq kollu jkun iddaħħal fil-kontijiet.

L-uffiċjal awtorizzanti għandu jgħaddi l-informazzjoni kollha li l-uffiċjal tal-kontabilità ikollu bżonn biex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu.

L-uffiċjal awtorizzanti għandu jibqa' għal kollox responsabbli għall-użu xieraq tal-fondi li jkun jamministra u kif ukoll għal-legalità u r-regolarità ta' l-infiq taħt il-kontroll tiegħu.

2b. L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jingħata s-setgħa li jivverifika l-informazzjoni li jirċievi kif ukoll li jagħmel kull verifika oħra li jħoss li tkun meħtieġa biex ikun jista' jiffirma l-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jagħmel ir-riżervi tiegħu, jekk ikun hemm bżonn, filwaqt li jfisser preċiżament in-natura u l-iskop ta' dawn ir-riżervi.

2ċ. L-uffiċjal tal-kontabilità ta' l-entità Komunitarja għandu japprova l-kontijiet annwali u jibgħathom lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

3. Bla ħsara għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 44, l-uffiċjal tal-kontabilità biss għandu l-poter tal-ġestjoni ta' flus likwidi u l-ekwivalenti tagħhom. Hu għandu jkun responsabbli għaż-żamma fiż-żgur tagħhom.

4. Fit-twettiq ta' dmirijietu, l-uffiċjal tal-kontabilità jista' jiddelega ċerti kompiti lil persunal ta' taħtu, bla ħsara għar-Regolamenti tal-Persunal, fejn dan ikun indispensabbli għall-qadi ta' dmirijietu.

5. L-istrument tad-delegazzjoni jippreskrivi l-kompiti fdati lil min jirċievi d-delegazzjoni u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom."

(21) Fl-Artikolu 44 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Ħlasijiet minn kontijiet ta' flus akkont (imprest) jistgħu jsiru permezz ta' trasferiment ta' kreditu bil-bank, inkluża s-sistema ta' debitu dirett imsemmija fl-Artikolu 66 (1a), ċekk jew mezz ieħor ta' ħlas, skond l-istruzzjonijiet stipulati mill-uffiċjal tal-kontabilità."

(22) Fit-Titolu IV, Kapitolu 3, it-titolu tat-Taqsima 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Taqsima 2

***Regoli applikabbli għall-uffiċjali awtorizzanti u għall-uffiċjali awtorizzanti b'delega jew sottodelega'"***

(23) L-Artikolu 47 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 47*

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jkun soġġett għall-ħlas ta' kumpens kif stipulat fir-Regolamenti tal-Persunal.

1a. L-obbligu li jitħallas kumpens japplika b'mod partikolari jekk:

(a) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba traskuraġni serja min-naħa tiegħu, jiddetermina li għandhom jiġu rkuprati drittijiet jew joħroġ ordnijiet ta' rkupru, jikkommetti spiża jew jiffirma ordni ta' ħlas mingħajr ma jkun konformi ma' dan ir-Regolament u r-regoli ta' l-implimentazzjoni tiegħu;

(b) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba traskuraġni serja min-naħa tiegħu, jonqos milli jħejji dokument li jistabbilixxi ammont riċevibbli, jonqos milli joħroġ ordni ta' rkupru jew jittardja l-ħruġ ta' tali ordni jew ta' ordni għal ħlas, u b'hekk jesponi lill-entità Komunitarja għal azzjoni ċivili minn partijiet terzi.

2. Uffiċjal awtorizzanti b'delega jew sottodelega li jqis li deċiżjoni li taqa' taħt ir-responsabbilta tiegħu hija irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, għandu jgħarraf bil-miktub lill-awtorità li tkun iddelegatu. Jekk l-awtorita li tkun għamlet id-delegazzjoni tagħti struzzjoni motivata bil-miktub lill-uffiċjal b'delega jew sottodelega għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni kkonċernata, dan irid jimplimentaha u ma jistax jinżamm responsabbli.

3. Fil-każ ta' delega, l-uffiċjal awtorizzanti għandu jibqa' responsabbli mill-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi interni ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti u għall-għażla ta' l-uffiċjal awtorizzanti b'delega.

4. Il-panel speċjalizzat dwar l-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 66(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, għandu jeżerċita l-istess setgħat fir-rigward ta' l-entità Komunitarja li jeżerċita fir-rigward ta' dipartimenti tal-Kummissjoni, sakemm il-bord ta' ġestjoni ma jiddeċidix li jwaqqaf bord funzjonalment indipendenti, jew li jipparteċipa f'bord konġunt imwaqqaf minn diversi entitajiet Komunitarji. Għal dawk il-każi mressqa mill-entitajiet Komunitarji, il-bord speċjalizzat dwar l-irregolaritajiet finanzjarji stabbilit mill-Kummissjoni għandu jinkludi membru tal-persunal ta' entità Komunitarja.

Fuq il-bażi tal-fehma ta' dan il-panel, id-Direttur għandu jiddeċiedi jekk jibdiex il-proċeduri dixxiplinari jew proċeduri biex jitħallas kumpens. Jekk il-panel isib problemi sistemiċi, jibgħat rapport bir-rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti u lill-awditur intern tal-Kummissjoni. Jekk il-fehma timplika lid-Direttur, il-bord għandu jibgħatha lill-bord ta' ġestjoni u lill-awditur intern tal-Kummissjoni. Id-Direttur għandu jirreferi, f'forma anonima, l-għażliet tal-bord fir-rapport ta' attività annwali tiegħu u jindika l-miżuri ta' segiwtu meħuda.

5. Kull membru tal-persunal jista' jintalab jagħmel tajjeb għad-dannu, kollu jew parti minnu, li tkun sofriet l-entità tal-Komunità minħabba mġiba serjament ħażina min-naħa tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijietu jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu.

L-awtorità li taħtar għandha tieħu deċiżjoni motivata wara li tlesti l-formalitajiet preskritti mir-Regolamenti tal-Persunal rigward kwistjonijiet dixxiplinari";

(24) L-Artikolu 50 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 50*

L-entità Komunitarja tressaq talbiet lill-Kummissjoni għal ħlas tas-sussidju, kollu jew parti minnu, tal-Komunità, skond l-Artikolu 15(5) taħt termini u f'intervalli miftehma mal-Kummissjoni.";

(25) Fl-Artikolu 53, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kuntratti u l-ftehimiet ta' għoti konklużi mill-entità Komunitarja għandhom jipprovdu li kwalunkwe dejn li ma jitħallasx fid-data prevista fin-nota ta' debitu għandu jiżdiedlu l-imgħax skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 (*). Il-kundizzjoni li permezz tagħha l-imgħax fuq ħlas li jsir tard huwa dovut lill-entità Komunitarja, inkluża r-rata ta' interessi bl-arretrati, għandha tissemma b'mod espliċitu fil-kuntratti u l-ftehimiet ta' l-għoti.

---

(*) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1."

(26) Fl-Artikolu 55(3), l-ewwel u t-tieni sub-paragrafi għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun qed jippjana li jirrinunzja jew li jirrinunzja parzjalment għall-irkupru ta' ammont riċevibbli stabbilit, huwa għandu jiżgura li r-rinunzja tkun skond ir-regoli u tkun tikkonforma mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità.

Tali rinunzja għandha ssir b'deċiżjoni debitament sostanzjata min-naħa ta' l-uffiċjali awtorizzanti. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega tali deċiżjoni biss għal ammonti riċevibbli ta' anqas minn EUR 5 000.";

(27) Fl-Artikolu 58, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) id-debitur jimpenja ruħu li jħallas interessi bir-rata speċifikata fl-Artikolu 86 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għall-perjodu addizzjonali kollu permess, li għandu jibda mid-*data* stipulata fin-nota ta' debitu";

(28) Fit-Titolu IV, Kapitolu 4, Taqsima 5, jiddaħħlu l-Artikoli 58a u58b li ġejjin:

*"Artikolu 58a*

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jżomm lista ta' l-ammonti dovuti li għandhom jiġu rkuprati, li fiha l-intitolamenti ta' l-entità Komunitarja jkunu miġbura skond id-*data* tal-ħruġ ta' l-ordni ta' rkupru. Huwa għandu wkoll jindika d-deċizjoni ta' rinunzja jew rinunzja parzjali ta' ammonti stabbiliti. Il-lista għandha tiżdied mar-rapport ta' l-entità Komunitarja dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja.

L-entità Komunitarja għandha tistabbilixxi lista ta' l-intitolamenti ta' l-entità li tindika l-ismijiet tad-debituri u l-ammont tad-debitu, fejn id-debitur ikun ġie ordnat iħallas b'deċiżjoni tal-Qorti li jkollha s-saħħa ta' *res judicata* u fejn l-ebda ħlas, jew l-ebda ħlas sinifikanti, ma jkun sar fi żmien sena minn meta tkun ingħatat tali deċiżjoni. Il-lista għandha tiġi ppubblikata, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni relevanti dwar il-ħarsien tad-*data*.

*Artikolu 58b*

L-intitolamenti ta' l-entità Komunitarja fir-rigward ta' partijiet terzi u l-intitolamenti ta' partijiet terzi fir-rigward ta' l-entità Komunitarja għandhom ikunu suġġetti għal terminu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.';";

(29) L-Artikolu 59 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 59*

Meta l-entità Komunitarja tiġbor miżati u ħlas imsemmijin fl-Artikolu 5(a), stima totali provviżorja ta' dawn il-miżati u ħlasijiet issir fil-bidu ta' kull sena finanzjarja.

Fejn id-drittijiet u l-ispejjeż huma ddeterminati kompletament permezz ta' leġiżlazzjoni jew deċiżjonijiet tal-bord ta' ġestjoni, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jastjeni milli joħriġ ordnijiet ta' rkupru u, wara li jkun stabbilixxa l-ammont riċevibbli, iħejji direttament noti ta' debitu. F'dan il-każ, għandhom jiġu rreġistrati d-dettalji kollha ta' l-intitolament ta' l-entità Komunitarja. L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jżomm lista tan-noti ta' debitu kollha u jipprovdi l-għadd ta' noti ta' debitu u l-ammont globali fir-rapport ta' l-entità Komunitarja dwar il-ġestjoni finanzjarja u tal-baġit.

Fejn l-entità Komunitarja tuża sistema ta' fatturar separata, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jdaħħal is-somma akkumulata ta' drittijiet u spejjeż riċevuti fil-kontijiet regolarment, u ta' l-anqas kull xahar.

Bħala regola ġenerali l-entità tal-Komunitarja għandha taghti servizzi fuq is-saħħa tal-kompiti fdati lilha biss wara li l-ħlas korrispondenti jkun sar kollu. Jekk, b'eċċezzjoni, ikun ingħata servizz mingħajr ma jkun sar il-ħlas minn qabel tad-dritt jew spiża, għandhom japplikaw it-Taqsimiet 3, 4 u 5 ta' dan il-Kapitolu.';";

(30) Fl-Artikolu 60(3), tiżdied is-sentenza li ġejja: "Il-programm ta' ħidma għandu jinkludi għanijiet dettaljati u indikaturi tal-prestazzjoni."

(31) L-Artikolu 62 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 62*

1. Għal kull miżura li tirriżulta f'nefqa li trid titħallas mill-baġit, l-ewwel l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jagħmel impenn fil-baġit qabel ma jidħol f'obbligu legali ma' partijiet terzi.

2. L-impenji globali tal-baġit għandhom ikopru n-nefqa totali ta' l-impenji legali individwali korrispondenti konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1.

Impenji legali individwali rigward impenji baġitarji individwali jew proviżorji għandhom ikunu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N.

Fi tmiem il-perjodi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu, il-bilanċ mhux użat ta' dawn l-impenji baġitarji għandu jkun diżimpenjat mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

3. L-impenji legali fis-seħħ għal azzjonijiet li jdumu iktar minn sena finanzjarja u l-impenji korrispondenti tal-baġit, ħlief għal infiq ta' persunal, irid ikollhom data finali għall-implimentazzjoni li tkun stabbilita skond il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Kull parti ta' tali impenji li ma tkunx twettqet sa sitt xhur wara dik id-*data* finali għandha titneħħa mill-impenji skond l-Artikolu 11.

L-ammont ta' impenn baġitarju li jikkorrispondi għal impenn legali li għalih ma jkun sar l-ebda ħlas fis-sens ta' l-Artikolu 67 f'perjodu ta' tliet snin wara li jiġi ffirmat l-impenn legali għandu jkun diżimpenjat.';";

(32) Il-paragrafu 1a li ġej għandu jidddaħħal fl-Artikolu 66:

"1a. Meta jsiru ħlasijiet perjodiċi għal servizzi mogħtija, inklużi servizzi ta' kiri, jew oġġetti kkonsenjati, u soġġett għall-analiżi tiegħu tar-riskju, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jordna l-applikazzjoni ta' sistema ta' debitu dirett.";

(33) Fl-Artiklu 72(1), il-punt (b) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(b) jivvaluta l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi interni ta' kontroll u verifika applikabbli għal kull operazzjoni ta' implimentazzjoni baġitarja.";

(34) L-Artikolu 74 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 74*

1. Fir-rigward ta' l-akkwisti, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju ġenerali u tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw bil-kundizzjoni ta' paragrafi 4 sa 7 ta' dan l-Artikolu.

2. L-entità Komunitarja tista' tkun assoċjata, bħala awtorità kontraenti, fl-għoti ta' kuntratti tal-Kummissjoni jew kuntratti interistituzzjonali u fl-għoti ta' kuntratti ta' entitajiet Komunitarji oħrajn.

3. L-entità Komunitarja għandha tipparteċipa fid-*database* ċentrali komuni stabbilita u mħaddma mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 95 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

4. L-entità Komunitarja ma tistax tikkonkludi kuntratt, mingħajr ma tirrikorri għal proċedura ta' sejħa pubblika għall-offerti, mal-Kummissjoni, l-uffiċċji interistituzzjonali u ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 (*) għall-forniment ta' prodotti, l-għoti ta' servizzi jew l-eżekuzzjoni ta' xogħol li jipprovdu dawn ta' l-aħħar.

5. L-entità Komunitarja tista' tapplika proċeduri ta' akkwist konġunti ma' l-awtoritajiet kontraenti ta' l-Istat Membru ospitanti sabiex tkopri ħtiġiet amministrattivi. F'dan il-każ, l-Artikolu 125c tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika *mutatis mutandis*.

6. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 101 tar-Regolament finanzjarju ġenerali, is-sejħa għall-offerti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni li l-entità Komunitarja tista', qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, jew tikkanċella l-akkwist jew tikkanċella l-proċedura ta' l-għoti mingħajr ma l-kandidati jew min jitfa' offerta jkunu intitolati għal ebda pretensjoni ta' kumpens.

7. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, is-sejħiet għall-offerti mnedija mill-entità Komunitarja għandhom jipprovdu li din tista' tissospendi l-proċedura u tista' tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa, inkluż it-tħassir tal-proċedura taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-kuntratti konklużi mill-entità Komunitarja ma' operaturi ekonomiċi għandhom jistipulaw li hi tista' tieħu l-miżuri speċifikati f'dak l-Artikoli skond il-kundizzjonijeit stabbiliti fih.

(*) ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1."

(35) Qegħdin jiddaħħlu t-Titoli VA u VB li ġejjin:

"TITOLU VA

**TITOLU VA PROĠETTI B'IMPLIKAZZJONIJIET SINJIFIKANTI FUQ IL-BAĠIT**

*Artikolu 74a*

Il-bord ta' ġestjoni, għandu jinnotifika malajr kemm jista' jkun lill-awtorità tal-baġit bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett, li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinjifikanti fuq il-finanzjament tal-baġit tiegħu, partikolarment xi proġetti relatati mal-proprjetà bħal kera jew xiri ta' bini. Huwa għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.

Fil-każ li kwalunkwe fergħa ta' l-awtorità tal-baġit bi ħsiebha toħroġ opinjoni, fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-informazzjoni dwar il-proġett għandha tinnotifika lill-entità Komunitarja bl-intenzjoni tagħha dwar il-ħruġ ta' tali opinjoni. Fin-nuqqas ta' tweġiba, l-entità Komunitarja tista' tipproċedi bl-operazzjoni ppjanata.

Din l-opinjoni għandha tintbagħat lill-entità Komunitarja fi żmien erba' ġimgħat minn meta ssir in-notifika skond it-tieni paragrafu.

TITOLU VB

**ESPERTI**

*Artikolu 74b*

Fl-għażla ta' esperti għandu japplika *mutatis mutandis* l-Artikolu 265a tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Tali esperti għandhom jitħallsu abbażi ta' ammont fiss, għall-għajnuna li jagħtu lill-entità Komunitarja, b'mod partikolari fil-valutazzjoni ta' proposti u applikazzjonijiet għall-għotjiet jew offerti għal akkwisti, u għall-għoti ta' għajnuna teknika matul il-ħidma sussegwenti u l-valutazzjoni finali tal-proġetti. L-entità Komunitarja tista' tuża l-listi ta' esperti mħejjija mill-Kummissjoni jew minn entitajiet Komunitarji oħrajn.";

(36) L-Artikolu 75 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 75*

1. Fejn l-entità Komunitarja tista' tagħti għotjiet skond l-istrument kostitwenti tagħha jew permezz ta' delega tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 54(2) (b) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġenerali u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw bil-kundizzjoni tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. L-għotjiet għandhom ikunu koperti minn ftehimiet bil-miktub bejn l-entità Komunitarja u l-benefiċjarju.

3. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 119(2) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-ftehimiet ta' l-għoti konklużi mill-entità Komunitarja għandhom jistipulaw li hija tista' tissospendi, tnaqqas jew twaqqaf l-għotja fil-każi previsti fl-Artikolu 183 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità juri l-fehmiet tiegħu."

(37) Fl-Artikolu 76, it-tieni paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-kontijiet ta' l-entità Komunitarja għandu jkollhom magħhom rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja matul is-sena. Ir-rapport għandu jagħti kont, fost l-oħrajn, tar-rata ta' l-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni sommarja tat-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet fost id-diversi partiti tal-baġit.";

(38) L-Artikoli 82 u 83 jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 82*

Sa mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità irid jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mar-rapport fuq il-ġestjoni tal-baġit u finanzjarja matul is-sena, msemmi fl-Artikolu 76 ta' dan ir-Regolament, biex l-uffiċjal tal-kontabilità ikun jista' jikkonsolida l-kontijiet kif previst fl-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 83*

1. Skond l-Artikolu 129(1) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-Qorti ta' l-Awdituri, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-kontijiet proviżorji ta' l-entità Komunitarja.

2. Id-Direttur, malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji ta' l-entità tal-Komunità, irid iħejji l-kontijiet finali ta' l-entità tal-Komunità skond l-Artikolu 43, b'responsabbilta tiegħu stess, u jibgħathom lill-bord ta' ġestjoni, li jagħti fehma fuq dawn il-kontijiet.

3. Id-Direttur għandu jibgħat il-kontijiet finali, flimkien mal-fehma tal-bord ta' tmexxija, lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sa mhux iktar tard mill-1 Lulju tas-sena ta' wara.

4. Il-kontijiet finali ta' l-entità Komunitarja, ikkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni, għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.

5. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri risposta għall-osservazzjonijiet li tkun għamlet sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. Fl-istess waqt, it-tweġibiet ta' l-entità Komunitarja għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni.';";

(39) L-Artikolu 94 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 94*

1. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N+2, ħlief fejn ikun ipprovdut b'mod ieħor fl-istrument kostitwenti, jagħti r-rilaxx lid-direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N. Id-Direttur għandu jinforma lill-bord ta' ġestjoni bl-osservazzjonijiet tal-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni anċillari mad-deċiżjoni tar-rilaxx.

2. Jekk id-*data* prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tintlaħaq, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jgħarraf lid-direttur bir-raġunijiet tal-posponiment.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jipposponi d-deċiżjoni li tagħti r-rilaxx, id-direttur, f'kooperazzjoni mal-bord ta' ġestjoni, għandu jagħmel l-isforzi kollha biex malajr kemm jista' jkun jieħu miżuri biex ineħħi jew jiffaċilita t-tneħħija ta' l-ostakli għal dik id-deċiżjoni."

(40) L-Artikolu 97 jitħassar;

(41) L-Artikolu 99 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 99*

Sa fejn meħtieġ u bil-kunsens minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni, il-bord ta' ġestjoni għandu jaddotta regoli ddettaljati biex jimplimenta r-Regolament Finanzjarju ta' l-entità tal-Komunitarja, fuq proposta tad-Direttur tagħha.'".

*Artikolu 2*

Kull entità msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali għandha temenda r-regolament finanzjarju tagħha mhux wara l-10 ta' Jannar 2009.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Dalia GRYBAUSKAITĖ

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 653/2008

## tad-9 ta' Lulju 2008

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn tat-30 ta' Ġunju u ta' l-4 ta' Lulju 2008 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għas-snin ta' negozju 2006/07, 2007/08 u 2008/09 sabiex jiġu importati u raffinati prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali [2], u partikolarment Artikolu 5 (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni ġew sottomessi lill-awtorità kompetenti fil-perjodu ta' bejn tat-30 ta' Ġunju u ta' l-4 ta' Lulju 2008 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1832/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali fis-settur taz-zokkor b'riżultat ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija [3] għall-kwantità totali bħall-kwantità disponibbli għan-numru tas-serje 09.4340 (2007-2008).

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skond il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u tinforma lill-Istati Membri li l-limitu li kien ġie ffissat intlaħaq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji għandhom jiġu maħruġa fil-limiti kwantitattivi li ġew stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa bejn tat-30 ta' Ġunju u ta' l-4 ta' Lulju 2008, f'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

(1) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

(2) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 371/2007 (ĠU L 92, 3.4.2007, p. 6).

(3) ĠU L 354, 14.12.2006, p. 8.

*ANNESS*

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 30.6.2008-4.7.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta ta' l-Ivorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | — | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Gujana | 100 | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 24,6827 | Intlaħqu |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 0 | Intlaħqu |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | — | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 0 | Intlaħqu |

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/09**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 30.6.2008-4.7.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta ta' l-Ivorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 100 | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Gujana | 100 | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 100 | |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 100 | |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor kumplimentari**

**Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 30.6.2008-4.7.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4315 | L-Indja | 100 | |
| 09.4316 | Il-pajjiżi firmatarji tal-Protokol ta' l-AKP | 100 | |

**Il-konċessjonijiet taz-zokkor għal CXL**

**Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 30.6.2008-4.7.2008 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4318 | Il-Brażil | 0 | Intlaħqu |
| 09.4319 | Kuba | 0 | Intlaħqu |
| 09.4320 | Pajjiżi terzi oħra | 0 | Intlaħqu |

**Iz-zokkor tal-Balkani**

**It-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 30.6.2008-4.7.2008 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | 100 | |
| 09.4325 | Il-Bożnja-Ħerżegovina | 0 | Intlaħqu |
| 09.4326 | Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo | 100 | |
| 09.4327 | L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja | 100 | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor f'każ eċċezzjonali u l-importazzjoni taz-zokkor industrijali**

**It-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Tip | Ġimgħa ta' bejn 30.6.2008-4.7.2008 tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | F'każ eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | — | |

**L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija**

**Kapitolu 1 Sezzjoni 2 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| Ordni Nru | Tip | Ġimgħa ta' bejn 30.6.2008-4.7.2008 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4365 | Il-Bulgarija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4366 | Ir-Rumanija | 0 | Intlaħqu |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-3 ta’ Ġunju 2008**

**li tabroga d-Deċiżjoni 2005/694/KE dwar l-eżistenza ta’ deficit eċċessiv fl-Italja**

(2008/560/KE)

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 104(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/694/KE [1], b’segwitu għal rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 104(6) tat-Trattat, ġie deċiż li fl-Italja kien hemm deficit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-deficit pubbliku ġenerali kien ogħla minn iżda qrib il-valur ta’ referenza ta’ 3 % tal-PGD kemm fl-2003 kif ukoll fl-2004, filwaqt li d-dejn gross tal-gvern ġenerali kien madwar 106-107 % tal-PGD fis-sentejn li huma, u b’hekk b’mod ċar ogħla mill-valur ta’ referenza ta’ 60 % tal-PGD tat-Trattat, u ma naqasx b’pass sodisfaċenti fis-snin reċenti.

(2) Fit-28 ta’ Lulju 2005, skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ deficit eċċessiv [2], il-Kunsill għamel rakkomandazzjoni indirizzata lill-Italja abbażi ta’ rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, bil-ħsieb li s-sitwazzjoni ta’ deficit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2007. Ir-rakkomandazzjoni kienet ippubblikata.

(3) Skond l-Artikolu 104(12) tat-Trattat, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta’ deficit eċċessiv għandha tiġi abrogata meta, fil-fehma tal-Kunsill, id-deficit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun ġie kkoreġut.

(4) Skond il-Protokoll dwar il-proċedura ta’ deficit eċċessiv anness mat-Trattat, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni tal-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw *data* dwar id-deficit u d-dejn tal-gvern u dwar varjabbli assoċjati oħrajn, darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta’ April u qabel l-1 ta’ Ottubru, skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 tat-22 ta’ Novembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta’ deficit eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [3].

(5) Abbażi tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skond l-Artikolu 8 g(1) tar-Regolament (KE) Nru 3605/93, wara n-notifka mill-Italja qabel l-1 ta’ April 2008 u fuq it-tbassir tar-Rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Wara li żdied minn 3,5 % tal-PGD fl-2004 għal 4,2 % tal-PGD fl-2005, id-deficit ġenerali tal-gvern, tnaqqas għal 3,4 % tal-PGD fl-2006 u finalment għal 1,9 % tal-PGD fl-2007, li huwa taħt il-valur ta’ referenza għad-deficit ta’ 3 % tal-PGD. Nett mill-impatt baġitarju tal-miżuri ta’ darba, id-deficit għandu jkun ta’ 1,7 % tal-PGD fl-2007. B’paragun, il-mira stabbilita fl-aġġornament tal-programm ta’ stabbiltà ta’ Diċembru 2006 kienet ta’ 2,8 % tal-PGD.

[1] ĠU L 266, 11.10.2005, p. 57.

[2] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1056/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 5).

[3] ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2103/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 1).

— L-aġġustament kien immexxi minn żieda fid-dħul mit-taxxi permanenti matul il-perijodu 2006-2007, li fil-biċċa l-kbira kien jisboq l-aspettattivi. Dan kien fil-biċċa l-kbira minħabba li l-miżuri adottati kienu effettivi aktar milli mistenni u tkabbir ekonomiku pjuttost ogħla milli mbassar. Wara stima li l-PGD fl-2005 mar lura bi ¼ ta' punt perċentwali tal-PGD, il-bilanċ strutturali (jiġifieri l-ammont tal-bilanċ aġġustat ċiklikament li ma jinkludix il-miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn) huwa stmat li tjieb b'1¾ u 1¼ punti perċentwali tal-PGD fl-2006 u l-2007 rispettivament.

— għall-2008, it-tbassir tar-rebbiegħa ta' l-2008 jipprevedi żieda fid-defiċit ta' 2,3 % tal-PGD, inkluż 0,1 % tal-PGD mir-rikavat ta' darba mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli. L-aggravazzjoni prevista tal-bilanċ baġitarju ser tirriżulta miż-żieda fil-proporzjon tan-nefqa primarja kurrenti mal-PGD u taxxi kurrenti aktar baxxi. Dan huwa parzjalment kontro-bilanċjat minn tnaqqis antiċipat fin-nefqa kapitali, li jirrifletti n-nefqa sostanzjali ta' darba magħmula fl-2007. Minkejja li l-projezzjoni għad-defiċit ta' 2,3 % tal-PGD hija biss ftit ogħla mill-mira uffiċjali għad-defiċit ta' 2,2 % tal-PGD stabbilta fl-aġġornament ta' Novembru 2007 tal-programm ta' stabbiltà, din ta' l-aħħar kienet ipprojettata permezz ta' stima tal-produzzjoni tad-defiċit fl-2007 ogħla sewwa mir-riżultat rrappurtat. Għall-2009, it-tbassir tar-rebbiegħa jipprevedi, abbażi li ma jkunx hemm tibdil fil-politika, defiċit ta' 2,4 % tal-PGD. Dan jimplika li d-defiċit tniżżel taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli.

— madankollu, il-bilanċ strutturali huwa projettat li jiggrava b'iktar minn ¼ ta' punt perċentwali tal-PGD fl-2008 u, abbażi li ma jkunx hemm tibdil fil-politika, li se jitjieb bi ¼ ta' punt perċentwali fl-2009. Dan għandu jkun ikkunsidrat fl-isfond tal-ħtieġa li jsir progress lejn il-kisba ta' l-objettiv ta' medda medja ta' żmien (MTO – medium term objective) għall-pożizzjoni baġitarja, li għall-Italja hija pożizzjoni bbilanċjata f'termini strutturali,

— wara li għal għaxar snin il-proporzjon tad-dejn tal-gvern naqas għal taħt il-104 % tal-PGD fl-2004 (minn iktar minn 121 % tal-PGD fl-1994), huwa żdied b'2 punti perċentwali tal-PGD fl-2005 u b'0,6 punti perċentwali oħrajn fl-2006, għal 106½ % tal-PGD. Il-proporzjon tad-dejn naqas għal darb'oħra għal 104 % tal-PGD fl-2007. L-iżvilupp tal-proporzjon tad-dejn ġie affettwat b'mod sinifikanti minn operazzjoni finanzjarja temporanja li żiedet id-dejn, jiġifieri l-akkumulazzjoni ta' l-assi likwidi fl-2006 u t-treġġigħ lura tagħha fl-2007. Mingħajr din l-operazzjoni, il-proporzjon tad-dejn kien jibqa' pjuttost stabbli fl-2006, b'mod li jirrifletti t-titjib fil-bilanċ pożittiv primarju f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Skond it-tbassir tar-rebbiegħa ta' l-2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, bl-ipoteżi li ma jkunx hemm tibdil fil-politika, il-proporzjon tad-dejn huwa projettat li ser jaqa' għal madwar 102½ % sa l-2009. Filwaqt li fl-Italja l-proporzjon tad-dejn jibqa' għoli u b'mod ċar ogħla mill-valur ta' referenza, huwa jista' jitqies li naqas b'konformità mal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-2007.

(6) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fl-Italja ġie kkoreġut u d-Deċiżjoni 2005/694/KE għaldaqstant għandha tiġi abrogata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni komplessiva jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Italja ġiet ikkoreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2005/694/KE hija b'dan abrogata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' l-Italja.

Magħmula fil-Lussemburgu, 3 ta' Ġunju 2008

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. LAGARDE

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-3 ta' Ġunju 2008

## li tabroga d-Deċiżjoni 2005/730/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Portugall

(2008/561/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 104(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/730/KE ([1]), wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 104(6) tat-Trattat, ġie deċiż li kien jeżisti defiċit eċċessiv fil-Portugall. Il-Kunsill innota li d-defiċit ġenerali ppjanat tal-gvern għas-sena 2005 kien ta' 6,2 % tal-PGD, 'il fuq mit-3 % tal-valur ta' referenza tal-PGD skond it-Trattat, filwaqt li d-dejn gross ġenerali tal-gvern kien mistenni li jilħaq is-66,5 % tal-PGD, 'il fuq mis-60 % tal-valur ta' referenza tal-PGD skond it-Trattat.

(2) Fl-20 ta' Settembru 2005, skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tħaffif u l-ikkjarifikar ta' l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ([2]), il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għamel rakkomandazzjoni indirizzata lill-Portugall bil-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2008. Ir-rakkomandazzjoni kienet ġiet ippubblikata.

(3) Skond l-Artikolu 104(12) tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata meta d-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun, fil-fehma tal-Kunsill, ġie korrett.

(4) Skond il-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness għat-Trattat, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni tal-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw data dwar id-defiċits u d-dejn tal-gvern u fatturi varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([3]).

(5) Abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skond l-Artikolu 8 g(1) tar-Regolament (KE) Nru 3605/93, wara n-notifika mill-Portugall qabel l-1 ta' April 2008 u abbażi tat-tbassir tar-Rebbiegħa 2008 mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— id-defiċit ġenerali tal-gvern tnaqqas minn 6,1 % tal-PGD fl-2005 għal 3,9 % tal-PGD fl-2006 u għal 2,6 % tal-PGD fl-2007, li ġġibu taħt il-valur ta' referenza tad-defiċit ta' 3 % tal-PGD sena qabel l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill. Dan ta' l-aħħar jaqbel b'mira ta' 3 % tal-PGD stabbilita fl-aġġornament ta' Diċembru 2007 tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall,

— kemm proporzjon ta' l-infiq tal-gvern li qed jaqa' mal-PGD kif ukoll proporzjon ta' dħul li qed jogħla mal-PGD ikkontribwew għat-titjib fil-bilanċ tal-gvern. Il-proporzjon ta' l-infiq naqas b' 1¼ punti perċentwali tal-PGD fl-2006 u kważi ½ ta' punt perċentwali tal-PGD fl-2007. B'mod parallel, il-proporzjon tad-dħul tal-gvern żdied b'xi ¾ ta' punt perċentwali tal-PGD kemm fl-2006 kif ukoll l-2007. Il-konsolidazzjoni fiskali kienet tiddependi l-aktar fuq miżuri strutturali, b'kontribut marġinali minn operazzjoni ta' darba li tiswa 0,1 % tal-PGD fl-2007. It-titjib fil-bilanċ strutturali (jiġifieri l-bilanċ nett ċiklikament aġġustat ta' miżuri ta' darba jew oħrajn temporanji) hu stmat għal żewġ punti perċentwali tal-PGD fl-2006 u punt perċentwali tal-PGD fl-2007, li hu konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 104(7) għal tnaqqis tal-bilanċ strutturali b' 1,5 % tal-PGD fl-2006 u, mill-inqas, ¾ % tal-PGD fl-2007,

([1]) ĠU L 274, 20.10.2005, p. 91.
([2]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1056/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 5).
([3]) ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2103/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 1).

— għall-2008, it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, jipproġetta tnaqqis ieħor tad- defiċit, għal 2,2 % tal-PGD, prinċipalment instigat minn xi dħul addizzjonali, bl-eżekuzzjoni baġitarja li tibbenefika minn operazzjoni ta' darba li tnaqqas id-defiċit b'0,2 % tal-PGD. B'mod ġenerali dan huwa konformi mal-miri tad-defiċit uffiċjali ta' 2,4 % tal-PGD stabbiliti fl-aġġornament tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall ta' Diċembru 2007 u l-mira riveduta ta' 2,2 % tal-PGD imħabbra mill-awtoritajiet Portugiżi lejn l-aħħar ta' Marzu 2008. Għall-2009, it-tbassir tar-rebbiegħa jipproġetta, abbażi ta' l-ebda bidla fil-politika, defiċit tal-gvern ta' 2,6 % tal-PGD. Dan jindika li d-defiċit tnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli,

— madankollu, il-bilanċ strutturali huwa stmat li jitjieb b'madwar ¼ ta' punt perċentwali tal-PGD fl-2008 u, abbażi ta' l-ebda bdil fil-politika, li jmur għall-agħar b' ¼ ta' punt perċentwali tal-PGD fl-2009. Dan għandu jittieħed fl-isfond tal-ħtieġa li jsir progress lejn l-objettiv għall-perijodu medju (MTO) għall-pożizzjoni baġitarja, li għall-Portugall huwa defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PGD,

— id-dejn tal-gvern naqas minn 64,7 % tal-PGD fl-2006 għal 63,6 % tal-PGD fl-2007. It-tkabbir baxx tal-PGD u d-defiċits tal-gvern li għadhom relattivament għoljin previsti fit-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni huma mistennija li jroddu dejn tal-gvern għal madwar 64¼ % tal-PGD fl-2009.

(6) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fil-Portugall ġie korrett u għaldaqstant id-Deċiżjoni 2005/730/KE għandha tiġi abrogata.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Portugall ġiet korretta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2005/730/KE hija b'dan abrogata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmula fil-Lussemburgu, 3 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. LAGARDE

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-3 ta' Ġunju 2008

## li tabroga d-Deċiżjoni 2005/182/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja

(2008/562/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 104(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/182/KE ([1]), wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 104(6) tat-Trattat, ġie deċiż li kien jeżisti defiċit eċċessiv fis-Slovakkja. Il-Kunsill nnota li d-defiċit tal-gvern ġenerali kien ta' 3,6 % tal-PGD fl-2003, ogħla mit-3 % tal-valur ta' referenza tal-PGD tat-Trattat.

(2) Fil-5 ta' Lulju 2004, skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tħaffif u l-ikkjarifikar ta' l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ([2]), il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għamel rakkomandazzjoni indirizzata lis-Slovakkja bil-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2007. Ir-rakkomandazzjoni kienet ġiet ippubblikata.

(3) Skond l-Artikolu 104(12) tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata meta d-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun, fil-fehma tal-Kunsill, ġie korrett.

(4) Skond il-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness għat-Trattat, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni tal-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-data dwar id-defiċits u d-dejn tal-gvern u fatturi varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([3]).

(5) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skond l-Artikolu 8 g(1) tar-Regolament (KE) Nru 3605/93, wara n-notifka mis-Slovakkja qabel l-1 ta' April 2008 u abbażi tat-tbassir tar-Rebbiegħa 2008 mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— minħabba reviżjonijiet tad-data wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-2004 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv, id-defiċit tal-gvern ġenerali baqa' taħt it-3 % tal-PGD fis-snin 2003-2005. Wara li żdied għal 3,6 % tal-PGD fl-2006 tnaqqas għal 2,2 % tal-PGD fl-2007, li hu taħt il-valur ta' referenza tad-defiċit ta' 3 % tal-PGD. B'paragun il-mira stabbilita fl-aġġornament tal-programm ta' konverġenza ta' Diċembru 2006 kienet ta' 2,9 % tal-PGD;

— il-konsolidazzjoni fiskali bbenefikat mit-tkabbir vivaċi tal-PGD, ta' l-impjiegi u tad-dħul, li ppermetta li l-proporzjon tan-nefqa meta mqabbel mal-PGD jonqos aktar malajr mill-proporzjon tad-dħul meta mqabbel mal-PGD. L-inżul tal-proporzjon tan-nefqa meta mqabbel mal-PGD ġie instigat ukoll mit-trażżin tan-nefqa u r-riformi tan-nefqa bħal restrizzjonijiet sostanzjali fuq il-benefiċċji soċjali. Madankollu, iż-żieda ċiklika u d-dividendi tat-tkabbir mir-riformi strutturali ma ġewx sfruttati bis-sħiħ għal konsolidazzjoni fiskali. Bħala riżultat, id-defiċit strutturali (jiġifieri l-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u oħrajn temporanji) hu stmat li ddeterjora minn xi 1½ % tal-PGD fl-2003 għal madwar 3 % tal-PGD fl-2006 qabel ma tjieb għal madwar 2½ % tal-PGD sa l-2007. Madankollu, parti mid-deterjorazzjoni strutturali tista' tiġi attribwita għall-introduzzjoni tat-tieni pilastru ffinanzjat tal-pensjoni fl-2005 fejn it-trasferimenti għal dan il-pilastru ġew stmati li żdiedu minn 0,8 % tal-PGD fl-2005 għal 1,2 % u 1,3 % tal-PGD fl-2006 u l-2007 rispettivament. Barra minn hekk, żidiet fit-taxxi fuq is-sigaretti preċeduti minn ħażna minn qabel imdaqqsa ta' sigarretti fi stadji varji tal-katina tad-distribuzzjoni wasslu għal ċaqlieq imdaqqas fid-dħul mit-taxxi li rriżulta f'aktar dħul mit-taxxi fl-2003, l-2005 u l-2007 segwit minn tnaqqis fid-dħul ekwivalenti fis-snin ta' wara,

([1]) ĠU L 62, 9.3.2005, p. 16 (mhux disponibbli bil-Malti).

([2]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1056/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 5) (mhux disponibbli bil-Malti).

([3]) ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2103/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 1) (mhux disponibbli bil-Malti)

— għall-2008, it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2008 jipprevedi li d-defiċit nominali jitnaqqas iżjed, għal 2,0 % tal-PGD, instigat prinċipalment minn prospetti ta' tkabbir qawwija kontinwi u xi miżuri li jżidu d-dħul bħat-twessiegħ tal-bażi tat-taxxa fuq id-dħul personali u dak korporattiv u żieda fil-limitu massimu fuq il-kontribuzzjonijiet soċjali. Dan huwa f'konformità mal-mira ta' defiċit uffiċjali ta' 2,0 % tal-PGD stabbilita fi Frar 2008. Għall-2009, it-tbassir tar-Rebbiegħa jipprevedi, fuq bażi ta' ebda tibdil ta' politika, żieda fid-defiċit għal 2,3 % tal-PGD. Dan jindika li d-defiċit tniżżel għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli,

— madankollu, il-bilanċ strutturali huwa stmat li jiddeterjora b'madwar ¼ ta' punt perċentwali tal-PGD fl-2008 u, fuq bażi ta' ebda tibdil ta' politika, b'madwar ¼ ta' punt perċentwali fl-2009. Wieħed irid jara dan fl-isfond tal-ħtieġa li jsir progress lejn l-objettiv għall-perijodu medju (MTO) għall-pożizzjoni baġitarja, li għas-Slovakkja huwa defiċit strutturali ta' kemmxejn inqas minn 1 % tal-PGD,

— id-dejn tal-gvern jibqa' ferm taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PGD. Dan niżel minn 42,4 % tal-PGD fl-2003 għal 29,4 % fl-2007. Skond it-tbassir tar-Rebbiegħa 2008, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni jibqa' ġeneralment stabbli matul il-perijodu ta' tbassir (fuq bażi ta' ebda tibdil ta' politika).

(6) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fis-Slovakkja ġie korrett u għaldaqstant id-Deċiżjoni 2005/182/KE għandha tiġi abrogata.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li s-sitwazzzjoni ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja ġiet korretta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2005/182/KE hija b'dan abrogata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmula fil-Lussemburgu, 3 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. LAGARDE

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-3 ta’ Ġunju 2008

## li tabroga d-Deċiżjoni 2005/185/KE dwar l-eżistenza ta’ defeċit eċċessiv fir-Repubblika Ċeka

(2008/563/KE)

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 104(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/185/KE [1], li ssegwi rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 104(6) tat-Trattat, ġie deċiż li fir-Repubblika Ċeka kien hemm defiċit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-defiċit ġenerali tal-gvern kien ta’ 12,9 % tal-PGD fl-2003 (5,9 % tal-PGD li jeskludi spiża maġġuri ta’ darba marbuta ma’ garanziji li ngħataw mill-Istat), ‘il fuq sew mill-valur ta’ referenza fit-Trattat ta’ 3 % tal-PGD.

(2) Fil-5 ta’ Lulju 2004, skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar it-tħaffif u l-ikkjarifikar ta’ l-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ defiċit eċċessiv [2], il-Kunsill, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, indirizza rakkomandazzjoni lir-Repubblika Ċeka bl-għan li l-qagħda tad-defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2008. Ir-rakkomandazzjoni saret pubblika.

(3) Minħabba t-tbassir ta’ nfiq baġitarju eċċessiv fl-2007 u l-eċċess kontinwu ta’d-defiċit fuq il-valur ta’ referenza fl-2008, il-Kunsill adotta deċiżjoni skond l-Artikolu 104(8) fl-10 ta’ Lulju 2007, ibbażata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, fejn iddikjara li l-azzjoni li qed tieħu r-Repubblika Ċeka ma kinitx tidher adegwata biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sa l-iskadenza ta’ l-2008 [3]. Fl-10 ta’ Ottubru 2007, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjoni ġdida skond l-Artikolu 104(7), ibbażata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li fiha jirrakkomanda lir-Repubblika Ċeka tikkontrolla aktar il-qagħda ħażina tal-baġit fl-2007 u jikkonferma li d-defiċit eċċessiv għandu jispiċċa sa mhux aktar tard mill-2008, bid-9 ta’ April 2008 bħala skadenza għall-awtoritajiet Ċeki biex jieħdu azzjoni effettiva. Fuq il-bażi tat-tbassir disponibbli dak iż-żmien, il-Kunsill stieden lill-awtoritajiet Ċeki biex jiżguraw titjib fil-bilanċ strutturali (jiġifieri l-bilanċ aġġustat ċiklikament nett tal-miżuri ta’ darba jew oħrajn temporanji) ta’ mhux inqas minn — % tal-PGD fl-2008 meta mqabbel ma’ l-2007.

(4) Skond l-Artikolu 104(12) tat-Trattat, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta’ defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata, meta, fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun ġie kkoreġut.

(5) Skond il-Protokoll dwar il-proċedura ta’ defiċit eċċessiv anness mat-Trattat, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni tal-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw data dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern u varjabbli assoċjati oħrajn darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta’ April u qabel l-1 ta’ Ottubru, f’konformità ma’ l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 tat-22 ta’ Novembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [4].

(6) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (l-Eurostat), skond l-Artikolu 8 g(1) tar-Regolament (KE) Nru 3605/93 b’segwitu għan-notifka mir-Repubblika Ċeka qabel l-1 ta’ April 2008 u fuq it-tbassir tar-Rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— id-defiċit pubbliku ġenerali tnieżżel minn 2,7 % tal-PGD fl-2006 għal 1,6 % tal-PGD fl-2007 li hu taħt il-valur ta’ referenza fit-Trattat ta’ 3 % tal-PGD qabel l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill. Dan jaqbel mal-mira ta’ 4 % tal-PGD fil-programm ta’ konverġenza ta’ Marzu 2007,

— filwaqt li d-dħul mit-taxxi qabeż kull aspettattiva minħabba tkabbir ekonomiku aktar minn dak mistenni, it-tnaqqis tad-defiċit fl-2007 kien ukoll konsegwenza ta’ kontroll fuq l-infiq, partikolarment fir-rigward ta’ kumpens lill-impjegati tas-servizz pubbliku u tal-konsum intermedju. Il-parti l-kbira ta’ dak li ġie ffrankat fuq in-nefqa huwa ta’ natura permanenti. It-titjib fil-bilanċ strutturali (jiġifieri l-bilanċ aġġustat ċiklikament wara l-miżuri ta’ darba u miżuri temporanji oħra) huwa stmat li kien kemm kemm ‘il fuq minn ½ % tal-PGD fl-2007,

[1] ĠU L 62, 9.3.2005, p. 20.
[2] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1056/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 5).
[3] Id-Deċiżjoni 2007/640/KE (ĠU L 260, 5.10.2007, p. 13).
[4] ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7. Ir-Regolament kif l-aħħar emenda bir-Regolament (KE) Nru 2103/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 1).

— għall-2008, it-tbassir tar-rebbiegħa 2008 jipprevedi li d-defiċit se jkompli nieżel, għal 1,4 % tal-PGD, mgħejjun minn aktar miżuri ta' kontroll fuq l-infiq, miżuri leġislattivi biex tonqos in-nefqa soċjali u l-introduzzjoni ta' miżati parzjali fuq is-saħħa. Id-dħul bħala persentaġġ tal-PGD huwa mistenni li jibqa' ġeneralment kostanti b'riżultat ta' firxa wiesgħa ta' miżuri marbuta mat-taxxa implimentati fl-2008. Dan it-tbassir tar-rebbiegħa huwa konformi mal-mira ta' defiċit ta' 1,5 % tal-PGD fin-notifika fiskali ta' April. Għall-2009, it-tbassir tar-rebbiegħa jipprevedi tnaqqis ulterjuri fid-defiċit għal 1,1 % tal-GDP, fuq is-suppożizzjoni li ma jkun hemm ebda tibdil fil-politika ibbażata fuq kontinwazzjoni tal-kontroll fuq l-infiq, Dan jindika li d-defiċit tniżżel għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli,

— Il-bilanċ strutturali huwa previst li fl-2008 jitjieb bi kważi ½ ta' punt perċentwali tal-PGD u għal darb'oħra, fuq is-suppożizzjoni li ma jkun hemm ebda tibdil fil-politika ibbażata fuq kontinwazzjoni tal-kontroll fuq l-infiq, ukoll fl-2009. Wieħed irid jara dan fl-isfond tal-ħtieġa li titħaffef il-kisba ta' l-objettiv għal żmien medju (MTO) għall-qagħda tal-baġit, li għar-Repubblika Ċeka huwa defiċit strutturali ta' 1 % tal-PGD, kif irrakkomandat fl-Opinjoni tal-Kunsill ta' Marzu 2008 dwar l-aġġornament ta' Novembru 2007 tal-programm ta' konverġenza.

— id-dejn tal-gvern jibqa' ferm taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PGD. Id-dejn tal-gvern niżel minn 29,4 % tal-PGD fl-2006 għal 28,7 % fl-2007. Skond it-tbassir tar-rebbiegħa 2008, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni li jkompli jinżel taħt it-28 % tal-PGD sa l-aħħar ta' l-2009 (fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm ebda tibdil fil-politika).

(7) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fir-Repubblika Ċeka ġie korrett u d-Deċiżjoni 2005/185/KE għandha għalhekk tiġi abrogata.

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li l-qagħda ta' defiċit eċċessiv fir-Repubblika Ċeka ġiet korretta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2005/185/KE hija b'dan abrogata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmula fil-Lussemburgu, 3 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. LAGARDE

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-30 ta' Ġunju 2008**

**li tippermetti lill-Istati Membri sabiex jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għas-sustanza attiva ġdida profoxydim**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3080)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/564/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, f'Marzu 1998 Spanja rċeviet applikazzjoni mingħand BASF AG għall-inklużjoni tas-sustanza attiva profoxydim fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/43/KE [2] kkonfermat li l-dokument kien komplut u li seta' jitqies bħala wieħed li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-dejta u ta' l-informazzjoni ta' l-Annessi II u III ta' dik id-Direttiva.

(2) Il-konferma tal-kompletezza tad-dokument kienet meħtieġa sabiex dan seta' jiġi eżaminat fid-dettall u sabiex l-Istati Membri seta' jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji, għall-perjodi sa tliet snin, għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva kkonċernata, filwaqt li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/414/KEE u, b'mod partikolari, il-kundizzjoni dwar l-evalwazzjoni dettaljata tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati minn dik id-Direttiva.

(3) Għal din is-sustanza attiva, l-effetti fuq is-saħħa tan-nies u l-ambjent ġew stmati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użu propost mill-applikant. L-Istat Membru *rapporteur* ressaq abbozz ta' rapport evalwattiv lill-Kummissjoni fit-28 ta' Marzu 2001.

(4) Wara li tressaq l-abbozz tar-rapport evalwattiv mill-Istat Membru *rapporteur*, kien hemm il-ħtieġa li tintalab iktar informazzjoni mill-applikant u li l-Istat Membru *rapporteur* jeżamina dik l-informazzjoni u jressaq l-evalwazzjoni tiegħu. Għalhekk, l-eżaminazzjoni tad-dokument għadha għaddejja u mhux se jkun possibbli li l-evalwazzjoni tintemm fil-qafas ta' żmien stipulat fid-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Minħabba li l-evalwazzjoni s'issa ma identifikat l-ebda periklu imminenti, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jġeddu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi kkonċernati għal perjodu ta' 24 xahar skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/414/KEE sabiex tkun tista' titkompla l-eżaminazzjoni tad-dokumenti. Huwa mistenni li l-proċess ta' evalwazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' deċiżjoni dwar il-possibbiltà ta' l-inklużjoni tal-profoxydim fl-Anness I ser jintemm fi żmien 24 xahar.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/45/KE (ĠU L 94, 5.4.2008, p. 21).
[2] ĠU L 14, 19.1.1999, p. 30.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-profoxydim għal perjodu li ma jaqbiżx l-24 xahar mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Ġunju 2008

## li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tad-dokumenti mressqa għal eżami dettaljat fid-dawl ta' l-inklużjoni possibbli ta' *Paecilomyces fumosoroseus* strain Fe9901 u *Tricoderma atroviride* strain I-1237 fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3114)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/565/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprovdi għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

(2) Dokument għas-sustanza attiva *Paecilomyces fumosoroseus* strain Fe 9901 ġie mressaq minn FuturEco lill-awtoritajiet tal-Belġju fl-4 ta' Frar 2005 b'applikazzjoni biex tinkiseb l-inklużjoni tagħha fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Għal *Trichoderma atroviride* strain I-1237 tressaq dokument minn AGRAUXINE lill-awtoritajiet ta' Franza fit-28 ta' Awwissu 2007 flimkien ma' applikazzjoni biex tinkiseb l-inklużjoni tagħha fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet tal-Belġju u ta' Franza indikaw lill-Kummissjoni li, fuq eżami preliminari, id-dokumenti għas-sustanzi attivi kkonċernati jidhru li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-*data* u tat-tagħrif stipulati fl-Anness II għad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dokumenti mressqa jidhru wkoll li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-*data* u tat-tagħrif stipulati fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata. Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dokumenti sussegwentement intbagħtu mill-applikant lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra, u ġew riferuti lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) B'din id-Deċiżjoni għandu jiġi kkonfermat b'mod formali fil-livell Komunitarju li d-dokumenti jitqiesu li jissodisfaw fil-prinċipju r-rekwiżiti tad-*data* u tat-tagħrif stipulati fl-Anness II u, għall-inqas għal prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tippreġudika d-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant jippreżenta *data* jew tagħrif ulterjuri sabiex jiċċara ċerti punti fid-dokument.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dokumenti li jikkonċernaw is-sustanzi attivi identifikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, li tressqu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li tinkiseb l-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi fl-Anness I għal din id-Direttiva, jissodisfaw fil-prinċipju r-rekwiżiti tad-*data* u tat-tagħrif stipulati fl-Anness II għal din id-Direttiva.

Id-dokumenti jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti tad-*data* u tat-tagħrif stipulati fl-Anness III għal din id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, fid-dawl ta' l-użi proposti.

### *Artikolu 2*

L-Istat Membru relatur għandu jeżamina fid-dettall id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 1 u għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-konklużjonijiet ta' l-eżami tiegħu flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew le fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 1 u kwalunkwe kundizzjoni dwar dawn l-inklużjonijiet mill-iktar fis u mhux aktar tard minn perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/45/KE (ĠU L 94, 5.4.2008, p. 21).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Is-sustanza attiva kkonċernata b'din id-deċiżjoni**

| Isem Komuni, Numru ta' Identifikazzjoni CIPAC | Applikant | Data ta' l-applikazzjoni | Stat Membru Relatur |
|---|---|---|---|
| *Paecilomyces fumosoroseus* strain Fe 9901<br>Nru CIPAC: Mhux rilevanti | FuturEco | fl-4 ta' Frar 2005. | BE |
| *Trichoderma atroviride* strain I-1237<br>Nru CIPAC: Mhux rilevanti | AGRAUXINE | fit-28 ta' Awwissu 2007. | FR |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-1 ta' Lulju 2008

## li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossiers li tressqu għal eżaminazzjoni dettaljata bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli tal-phosphane u t-thiencarbazone fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3216)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/566/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprovdi għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Dossier għas-sustanza attiva phosphane kien ippreżentat minn S&A Service und Anwendungstechnik GmbH lill-awtoritajiet tal-Ġermanja fil-11 ta' Ottubru 2007 b'applikazzjoni biex tinkiseb l-inklużjoni f'Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Għal thiencarbazone kien ippreżentat dossier minn Bayer Crop Science lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fit-13 ta' April 2007 b'applikazzjoni biex tinkiseb l-inklużjoni f'Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet tal-Ġermanja u r-Renju Unit indikaw lill-Kummissjoni li, fuq eżaminazzjoni preliminarja, id-dossiers għas-sustanzi attivi kkonċernati jidhru li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-*data* u ta' l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dossiers imressqa jidhru wkoll li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-*data* u l-informazzjoni stabbiliti f'Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata. Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, d-dossiers sussegwentement intbagħtu mill-applikant lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra, u ġew riferuti lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) Permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi formalment ikkonfermat fuq livell Komunitarju li d-dossiers għandhom jitqiesu li fil-prinċipju huma f'konformità mal-kondizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandiex tippreġudika d-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant li jressaq aktar *data* jew informazzjoni sabiex jiċċara ċerti punti fid-dossier.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:t

### *Artikolu 1*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossiers li jikkonċernaw s-sustanzi attivi identifikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, li ġew imressqa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan li tinkiseb l-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, issodisfaw fil-prinċipju r-rekwiżiti dwar id-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva.

Id-dossiers jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti dwar id-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Anness III ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih s-sustanza attiva, fid-dawl ta' l-użi proposti.

### *Artikolu 2*

L-Istat Membru rapporteur għandu jsegwi l-eżaminazzjoni dettaljata għad-dossiers imsemmija fl-Artikolu 1 u għandu jirrapporta lill-Kummissjoni l-konklużjonijiet ta' l-eżaminazzjoni tiegħu flimkien ma' xi rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew le fl-Anness I tad-Direttiva 91/44/KEE tas-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 1 u kull kundizzjoni għal dawk l-inklużjonijiet malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/45/KE (ĠU L 94, 5.4.2008, p. 21).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 1 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Sustanza attiva kkonċernata minn din id-deċiżjoni**

| Isem Komuni, CIPAC Numru ta' l-Identifikazzjoni | Applikant | Data ta' l-applikazzjoni | L-Istat Membru Rapporteur |
|---|---|---|---|
| Phosphane<br>CIPAC-Nru:127 | S&A Service und Anwendungstechnik GmbH | 11 ta' Ottubru 2007 | DE |
| Thiencarbazone<br>CIPAC-Nru: 797 | Bayer Crop Science AG | 13 ta' April 2007 | UK |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-4 ta' Lulju 2008

## li tikkonċerna l-kontribut finanzjarju mill-Komunità, għas-sena 2008, għal azzjonijiet ta' l-OIE fil-qasam tal-benesseri ta' l-annimali u tas-sorveljanza u l-kategorizzazzjoni tal-mard ta' l-annimali

(2008/567/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni 90/424/KEE, il-Komunità tista' twettaq, jew tgħin lill-Istati Membri jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali biex iwettqu, il-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità u għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ veterinarju.

(2) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Ħarsien u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006-2010 identifika l-ħtieġa li jitkompla l-appoġġ u jinbdew aktar attivitajiet internazzjonali biex titqajjem kuxjenza u jinħoloq kunsens akbar dwar il-benesseri ta' l-annimali bħala waħda mill-ħames oqsma ta' azzjoni ewlenin.

(3) L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE) hija l-organizzazzjoni intergovernattiva responsabbli għat-titjib tas-saħħa ta' l-annimali madwar id-dinja. Fl-2005, l-OIE adottat linji gwida dwar il-benesseri ta' l-annimali li jikkonċernaw it-trasport ta' l-annimali bl-art jew bil-baħar, il-qtil ta' l-annimali għall-konsum mill-bniedem u l-qtil bil-ħniena ta' annimali għall-kontroll tal-mard. L-OIE biħsiebha tiżviluppa aktar dawn il-linji gwida, tadotta linji gwida ġodda u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-linji gwida li diġa ġew adottati mill-pajjiżi membri ta' l-OIE, b'mod partikolari billi tipprovdi taħriġ u gwida.

(4) L-avvenimenti ppjanati ta' taħriġ u komunikazzjoni ta' l-OIE huma neċessarji għall-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni veterinarja fis-seħħ, kif ukoll għall-iżvilupp ta' edukazzjoni u taħriġ veterinarju, fil-pajjiżi parteċipanti kollha. It-titjib f'pajjiżi terzi huwa marbut strettament ma' l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità u mal-ħtieġa li din il-leġiżlazzjoni tkun effettiva fl-ilħiq ta' l-għanijiet tagħha. Barra minn hekk, l-avvenimenti ppjanati ta' taħriġ u komunikazzjoni jaqblu max-xewqa tal-parti l-kbira taċ-ċittadini Ewropej [2] li l-kundizzjonijiet ta' benesseri ta' l-annimali f'pajjiżi li jesportaw lejn il-Komunità jkunu ekwivalenti għal dawk applikati fil-Komunità. Il-Komunità għandha għalhekk tagħti kontribut għall-finanzjament ta' dawn l-avvenimenti.

(5) L-għan tat-Tieni Konferenza Dinjija ta' l-OIE dwar il-Benesseri ta' l-Annimali "Inħaddmu l-Istandards ta' l-OIE" huwa li tappoġġa l-implimentazzjoni dinjija tal-linji gwida ta' l-OIE għat-trasport bil-baħar u bl-art tal-bhejjem, il-qtil tal-bhejjem għall-konsum mill-bniedem u l-qtil għall-kontroll tal-mard. Il-konferenza biħsiebha wkoll iżżid il-prominenza tal-benesseri ta' l-annimali kif ukoll theġġeġ lill-veterinarji u lis-Servizzi Veterinarji biex jieħdu responsabbiltà akbar għall-benesseri ta' l-annimali.

(6) It-tieni Konferenza Dinjija ta' l-OIE dwar il-Benesseri ta' l-Annimali jista' jkollha influwenza konsiderevoli fuq l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità. L-għanijiet tagħha huma konformi ma' l-għanijiet stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Ħarsien u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006-2010. Għalhekk huwa xieraq li jingħata kontribut finanzjarju mill-Komunità għall-konferenza ta' l-OIE.

(7) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-reġjuni dwar Strateġija ġdida li tikkonċerna s-Saħħa ta' l-Annimali għall-UE (2007-2013) tiddeskrivi l-prijoritizzazzjoni ta' intervent ta' l-UE bħala wieħed mill-pilastri ta' l-istrateġija ġdida dwar is-saħħa ta' l-annimali. F'dan il-kuntest studju dwar l-ispiża ta' sorveljanza u kategorizzazzjoni tal-mard ta' l-annimali fil-qafas tas-segwitu ta' l-OIE ta' l-Inizjattiva Globali tas-Saħħa ta' l-Annimali, jipprovdi tagħrif li jgħin fil-kategorizzazzjoni tal-mard ta' l-annimali u fil-prijoritizzazzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza.

(8) L-OIE għandha monopolju *de facto* fis-settur tagħha, kif imsemmi fl-Artikolu 168 (1) (ċ) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-regolament finanzjaru applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3]; għalhekk mhix meħtieġa sejħa għal proposti.

---

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] Ewrobarometru Speċjali 270: Attitudes of EU citizens towards Animal Welfare, http://ec.europa.eu/food/animal/welfare/survey/sp_barometer_aw_en.pdf, p. 32.

[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Kontribut finanzjarju tal-Komunità, għall-finanzjament ta' seminar ta' taħriġ dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida ta' l-OIE li jikkonċernaw il-benesseri ta' l-annimali, organizzat mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE), ta' EUR 100 000 li jikkostitwixxi kofinanzjament Komunitarju b'massimu ta' 65 % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli huwa approvat.

*Artikolu 2*

Huwa approvat kontribut finanzjarju tal-Komunità, ta' EUR 200 000 għall-finanzjament tat-Tieni Konferenza Dinjija ta' l-OIE dwar il-Benesseri ta' l-Annimali "Inħaddmu l-Istandards ta' l-OIE", organizzata mill-OIE fl-2008, li jikkostitwixxi kofinanzjament Komunitarju b'massimu ta' 50 % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli.

*Artikolu 3*

Huwa approvat kontribut finanzjarju tal-Komunità, għall-finanzjament ta' studju dwar l-ispiża ta' sorveljanza u kategorizzazzjoni ta' mard ta' l-annimali mill-OIE fl-2008, ta' EUR 200 000 li jikkostitwixxi kofinanzjament Komunitarju b'massimu ta' 67 % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli.

*Artikolu 4*

Il-kontribut finanzjarju stipulat fl-Artikoli 1, 2 u 3 għandu jkun iffinanzjat permezz tal-linja tal-baġit 17 04 02 01 tal-baġit tal-Komunitajiet Ewropej għall-2008.

Ftehim ta' għotja għall-kontributi finanzjarji stipulati fl-Artikoli 1, 2 u 3 se jingħata lill-OIE mingħajr sejħa għal proposti billi l-OIE hija l-organizzazzjoni intergovernattiva għat-titjib tas-saħħa ta' l-annimali madwar id-dinja u għandha monopolju *de facto*.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**ta' l-24 ta' Ġunju 2005**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata**

(2008/568/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tiegħu tas-27 u t-28 ta' Novembru 2003, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza l-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, biex tiftaħ negozjati skond l-Artikoli 24 u 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma' ċerti stati terzi, sabiex l-Unjoni Ewropea tikkonkludi ma' kull wieħed minnhom Ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

(2) Wara din l-awtorizzazzjoni biex jinfetħu negozjati, il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, innegozjat Ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat jagħżel il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim sabiex torbot/jorbtu l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, 24 ta' Ġunju 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LUX

TRADUZZJONI

# FTEHIM

## bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta’ sigurtà għall-iskambju ta’ informazzjoni klassifikata

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, u

L-UNJONI EWROPEA, minn issa ’il quddiem “l-UE”, rrappreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea,

minn issa ’il quddiem imsejħa “l-Partijiet”,

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-UE jaqsmu l-għanijiet biex isaħħu s-sigurtà tagħhom f’kull mod u biex jipprovdu ċ-ċittadini tagħhom b’livell għoli ta’ sigurtà f’żona ta’ sigurtà;

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-UE jaqblu li konsultazzjonijiet u kooperazzjoni għandhom jiġu żviluppati bejniethom dwar kwistjonijiet ta’ interess komuni relatati mas-sigurtà;

WARA LI KKUNSIDRAW li, f’dan il-kuntest, teżisti għalhekk ħtieġa permanenti għal skambju ta’ informazzjoni klassifikata bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-UE;

WAQT LI JIRRIKONOXXU li konsultazzjoni u kooperazzjoni sħaħ u effettivi jistgħu jeħtieġu aċċess għal informazzjoni u materjal klassifikat ta’ l-Iżvizzera u ta’ l-UE, kif ukoll l-iskambju ta’ informazzjoni klassifikata u materjal relatat bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-UE;

KONXJI LI tali aċċess għal, u skambju ta’, informazzjoni klassifikata u materjal relatat jeħtieġ miżuri xierqa ta’ sigurtà;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Sabiex jitwettaq l-għan tat-tisħiħ tas-sigurtà ta’ kull wieħed mill-Partijiet f’kull mod, dan il-Ftehim japplika għal informazzjoni jew materjal klassifikati fi kwalunkwe forma li jiġu pprovduti jew skambjati bejn il-Partijiet.

### *Artikolu 2*

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, informazzjoni klassifikata għandha tfisser kwalunkwe informazzjoni (jiġifieri, tagħrif li jista’ jiġi kkomunikat fi kwalunkwe forma) jew materjal determinat bħala wieħed li jkun jeħtieġ li jiġi mħares kontra kxif mhux awtorizzat u li jkun ġie kkwalifikat tali minn klassifikazzjoni ta’ sigurtà (minn issa ’l quddiem: “informazzjoni klassifikata”).

### *Artikolu 3*

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, “UE” għandha tfisser il-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea (minn issa ‘l quddiem: “il-Kunsill”), is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa ’l quddiem “il-Kummissjoni Ewropea”).

### *Artikolu 4*

Kull Parti għandha:

(a) tipproteġi u tħares informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim ipprovduta jew skambjata mill-Parti l-oħra;

(b) tiżgura li informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim ipprovduta jew skambjata żżomm il-klassifikazzjoni ta’ sigurtà mogħtija lilha mill-Parti li tipprovdiha. Il-Parti li tirċievi għandha tipproteġi u tħares l-informazzjoni klassifikata skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti ta’ sigurtà tagħha stess għal informazzjoni jew materjal li għandhom klassifikazzjoni ta’ sigurtà ekwivalenti, kif speċifikat fl-Arranġamenti tas-Sigurtà li jridu jiġu stabbiliti skond l-Artikoli 11 u 12;

(ċ) ma tużax tali informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim għal finijiet li mhumiex dawk stabbiliti mill-awtur u dawk li għalihom tingħata jew tiġi skambjata l-informazzjoni;

(d) ma tiżvelax tali informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim lil partijiet terzi, jew lil kwalunkwe istituzzjoni jew entità ta’ l-UE mhux imsemmija fl-Artikolu 3, mingħajr il-kunsens minn qabel ta’ min joriġinah.

*Artikolu 5*

1. Informazzjoni klassifikata tista' tinkixef jew tiġi rilaxxata, skond il-prinċipju tal-kontroll ta' l-awtur, minn Parti waħda, "il-Parti li tipprovdi", lill-Parti l-oħra, "il-Parti li tirċievi".

2. Għal rilaxx lil riċevituri oħra li mhumiex il-Partijiet ta' dan il-Ftehim, deċiżjoni dwar żvelar jew rilaxx ta' informazzjoni klassifikata tittieħed mill-Parti li tirċievi wara l-kunsens tal-Parti li tipprovdi, skond il-prinċipju tal-kontroll ta' l-awtur kif definit fir-regolamenti ta' sigurtà tagħha.

3. Fl-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, l-ebda rilaxx ġeneriku m'għandu jkun possibbli sakemm ma jkunux ġew stabbiliti u miftehma proċeduri bejn il-Partijiet dwar ċerti kategoriji ta' informazzjoni, rilevanti għall-ħtiġiet operazzjonali tagħhom.

*Artikolu 6*

Kull waħda mill-Partijiet, u entitajiet tagħha kif imfisser fl-Artikolu 3, għandu jkollha organizzazzjoni ta' sigurtà u programmi ta' sigurtà, ibbażati fuq tali prinċipji bażiċi u standards minimi ta' sigurtà li għandhom jiġu implimentati fis-sistemi ta' sigurtà tal-Partijiet li jkunu ser jiġu stabbiliti skond l-Artikoli 11 u 12, biex jiżguraw li livell ekwivalenti ta' protezzjoni jiġi applikat għal informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 7*

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li, fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom jeħtieġu aċċess, jew li d-dmirijiet jew funzjonijiet tagħhom jistgħu jagħtuhom aċċess, għal informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim, ikunu ngħataw l-approvazzjoni tas-sigurtà kif xieraq qabel ma jingħataw aċċess għal tali informazzjoni.

2. Il-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sigurtà għandhom jiġu maħsuba biex jiddeterminaw jekk individwu jistax ikollu aċċess għal informazzjoni klassifikata, b'konsiderazzjoni tal-lealtà u l-affidabbiltà tiegħu/tagħha u kemm wieħed jista' joqgħod fuqu/ha.

*Artikolu 8*

Il-Partijiet għandhom jipprovdu għajnuna reċiproka fir-rigward tas-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim u kwistjonijiet ta' interess komuni ta' sigurtà. Konsultazzjonijiet u spezzjonijiet ta' sigurtà miftiehma b'mod reċiproku għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kif definit fl-Artikolu 11 biex jistmaw l-effikaċja ta' l-Arranġamenti tas-Sigurtà fi ħdan ir-responsabbiltà rispettiva tagħhom li għandha tiġi stabbilita skond l-Artikoli 11 u 12.

*Artikolu 9*

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim

(a) Fir-rigward ta' l-UE:

kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Kunsill fl-indirizz li ġej:

Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
Uffiċjal Kap tar-Reġistru
Rue de la Loi/Wetstraat, 175
B-1048 Brussel;

Kull korrispondenza għandha tintbagħat mill-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea bla ħsara għall-paragrafu 2.

(b) Fir-rigward tal-Konfederazzjoni Żvizzera,

il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Iżvizzera u mibgħuta, fejn xieraq, permezz tal-Missjoni ta' l-Iżvizzera għall-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġej:

Missjoni ta' l-Iżvizzera għall-Unjoni Ewropea
Uffiċjal tar-Reġistru
Place du Luxembourg, 1
B-1050 Brussell.

2. Jekk ikun meħtieġ, korrispondenza minn Parti waħda li hi aċċessibbli biss għal uffiċjali, organi jew servizzi kompetenti speċifiċi ta' dik il-Parti tista', għal raġunijiet operazzjonali, tiġi indirizzata u tkun aċċessibbli biss għal uffiċjali, organi jew servizzi kompetenti speċifiċi tal-Parti l-oħra nnominati b'mod speċifiku bħala riċevituri, waqt li jittieħed kont tal-kompetenzi tagħhom u skond il-prinċipju li jistabbilixxi l-ħtieġa li jkunu jafu. Sa fejn għandha x'taqsam l-UE, din il-korrispondenza għandha tiġi trasmessa permezz ta' l-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill. Sa fejn għandha x'taqsam il-Konfederazzjoni Żvizzera, din il-korrispondenza tista' tiġi trasmessa permezz tal-Missjoni ta' l-Iżvizzera għall-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 10*

Is-Segretarju ta' l-Istat tad-Dipartiment Federali ta' l-Affarijiet Barranin tal-Konfederazzjoni Żvizzera, u s-Segretarji-Ġenerali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 11*

Sabiex jiġi implimentat dan il-Ftehim:

(1) L-Awtoritajiet ta' Sigurtà Nazzjonali tal-Konfederazzjoni Żvizzera (id-Dipartiment Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija, l-Uffiċċju Federali tal-Pulizija u d-Dipartiment Federali tad-Difiża, il-Protezzjoni Ċivili u l-Isport, id-Difiża - Persunal tal-Kap tal-Forzi Armati, Sigurtà ta' Informazzjoni u Protezzjoni ta' Faċilità), li jaġixxu f'isem il-gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera u taħt l-awtorità tagħha, għandhom ikunu responsabbli għall-iżvilupp ta' Arranġamenti ta' Sigurtà għall-protezzjoni u s-salvagwardja ta' informazzjoni klassifikata pprovduta lill-Konfederazzjoni Żvizzera taħt dan il-Ftehim.

(2) L-Uffiċċju tas-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (minn issa 'l quddiem: "GSC Uffiċċju tas-Sigurtà"), taħt it-tmexxija u f'isem is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, li jaġixxi f'isem il-Kunsill u taħt l-awtorità tiegħu għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' arranġamenti ta' sigurtà għall-protezzjoni u s-salvagwardja ta' informazzjoni klassifikata pprovduta lill-UE taħt dan il-Ftehim.

(3) Id-Direttorat għas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, li jaġixxi f'isem il-Kummissjoni Ewropea u taħt l-awtorità tagħha, għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' Arranġamenti ta' Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea u fil-bini tagħha.

*Artikolu 12*

L-Arranġamenti ta' Sigurtà li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 11 bi ftehim bejn l-erba' Uffiċċji kkonċernati ser jistabbilixxu l-istandards ta' protezzjoni reċiproka ta' sigurtà għal informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim. Għall-UE, dawn l-istandards għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill.

*Artikolu 13*

L-Awtoritajiet definiti fl-Artikolu 11 għandhom jistabbilixxu proċeduri li jridu jiġu segwiti fil-każ li jiġi ppruvat jew suspettat li l-informazzjoni klassifikata ġiet kompromessa bla ħsara għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 14*

Qabel ma tingħata informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim bejn il-Partijiet, l-awtoritajiet tas-sigurtà responsabbli definiti fl-Artikolu 11 iridu jaqblu li l-Parti li tirċievi hi kapaċi tipproteġi u tissalvagwardja l-informazzjoni soġġetta għal dan il-Ftehim b'mod konsistenti ma' l-arranġamenti li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikoli 11 u 12.

*Artikolu 15*

Dan il-Ftehim bl-ebda mod ma jżomm lill-Partijiet milli jikkonkludu xi Ftehim ieħor relatat mal-provvediment jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim sakemm dawn ma jkunux f'konflitt mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 16*

Id-differenzi kollha bejn il-Partijiet li jinqalgħu mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu ttrattati permezz ta' negozjati bejniethom.

*Artikolu 17*

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar il-kompletar tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Dan il-Ftehim jista' jiġi rivedut biex jiġu kkunsidrati emendi possibbli fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet.

3. Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim għandha ssir biss bil-miktub u bi ftehim komuni bejn il-Partijiet. Għandha tidħol fis-seħħ ma' notifika reċiproka kif previst taħt il-paragrafu 1.

*Artikolu 18*

Dan il-Ftehim jista' jiġi ddenunzjat minn Parti waħda b'notifika bil-miktub ta' denunzja mogħtija lill-Parti l-oħra. Tali denunzja għandha tibda sseħħ sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tkun irċeviet in-notifika, iżda m'għandhiex taffettwa obbligi diġà kkuntrattati taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, kull informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata skond dan il-Ftehim għandha tibqa' tiġi protetta skond id-dispożizzjonijiet fih stabbiliti.

B'XHIEDA TA' DAN, dawn hawn taħt iffirmati, debitament awtorizzati rispettivament, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, fit-28 ta' April 2008 f'żewġ kopji t-tnejn bil-lingwa Ingliża.

| | |
|---|---|
| *Għall-Konfederazzjoni Żvizzera* | *Għall-Unjoni Ewropea* |

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata**

Fit-28 ta' April 2008 u s-7 ta' Mejju 2008 rispettivament, l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera nnotifikaw lil xulxin bit-tmiem tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim (1).

Għaldaqstant il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2008, skond l-Artikolu 17 tiegħu.

(1) Ara paġna 57 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.